DAWL GĦADD 379 • APRIL 2018 • IT-38 SENA

# FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




IL-KNISJA KATTOLIKA FIL-KENJA

**26 DJOĊESI**

IL-KAPUĊĊINI PREŻENTI F'10

***DJOĊESIJIET B'16-IL DAR***

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

## BORD EDITORJALI

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act



Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2018
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max xejra tar rivista.


## WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Għal darb'oħra fil-Kenja

5 Poeżija
Kav. Joe M. Attard
L-Għid it-Tajjeb

6 Aħbarijiet
Fr Philip Cutajar OFMCap
L-Aħwa Kapuċċini fil-Kenja jiċċelebraw it-8 kapitlu

9 Poeżija
Kelma ta' Ħabib
Philip (Lippu) Chircop

10 Il-Kelma ta' Alla
Mons. Lawrenz Sciberras
L-indiema

12 Valletta – Ġawhra unika
Joseph C. Camilleri
Belt il-Knejjes (Il-ħmistax-il parti)

13 Padre Pio
Fr Joe Buttigieg OFMCap
In-nifda tal-qalb

16 Knisja, ħajja, ħidma u aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

18 Spiritwalità Franġiskana
Br Miguel Zammit OFMCap
Is-salib ta' San Damjan – Salib Franġiskan

22 Qaddisin ta' żmienna
Tony C. Cutajar
Anke t-tfal isiru qaddisin

24 Pastorali tas-saħħa
Patri Mario Attard OFMCap
Għallimni tagħlima kbira

26 Storja tal-Knisja
Fr Charles Buttigieg
Il-mara fil-ministeri tad-djakonija tal-Knisja

28 Katekeżi
Manwel Micallef
Tgħix b'kuxjenza safja mingħajr sens falz ta' ħtija

30 Esperjenza F.Act
Steve Borg
Iż-żgħażagħ u l-għatx għat-tajjeb

31 Rokna għat-tfal
Fr Wistin Attard OFMCap
Aqta' min nru 32
Tisliba nru 164





### Ħsieb tal-faċċata

IL-KENJA: Il-pajjiż fejn 44 sena ilu l-Franġiskani Kapuċċini Maltin (fl-1974) rifsu u daħlu f'dan il-pajjiż bħala missjunarji. Kienu l-ewwel Franġiskani li daħlu l-Kenja. Illum iżżur dan il-pajjiż tibqa' mistagħġeb bil-miraklu li qed iseħħ bil-mod kif il-Knisja Kattolika, akkost il-ħafna persekuzzjoni, qed tikber kuljum. Tifħir lilek, Mulej!



# GĦAL DARB'OĦRA FIL-KENJA



EDITORJAL

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Bejn id-19 u l-24 ta' Frar 2018 l-Aħwa Kapuċċini fil-Kenja żammew it-8 kapitlu ordinarju u elettiv tagħhom. Meta għandek komunità reliġjuża li żżomm kapitlu, ifisser li dawn jiltaqgħu kollha flimkien b'aġenda ppreparata bil-għan li jagħtu ħarsa lejn l-imgħoddi u jagħmlu evalwazzjoni tal-ħajja u l-ħidmiet tagħhom filwaqt li b'viżjoni jħarsu 'l quddiem sabiex flimkien jaraw Alla x'qed jitlob minnhom, bil-għan li jieħdu deċiżjonijiet prattiċi ħalli jwettquhom. Huma jitkellmu fuq diversi suġġetti, bħalma huma: il-ħajja tat-talb flimkien u personali; il-ħajja tal-fraternità; il-ħidmiet pastorali li huma msejħin iwettqu; il-finanzi, bil-għan li jkunu jistgħu jkomplu u jtejbu l-proġetti tagħhom b'risq il-poplu ta' Alla; u diversi suġġetti oħrajn. F'kapitlu ġeneralment l-Aħwa miġbura flimkien jagħżlu s-superjuri tagħhom, bl-iskop li jwettqu dak li jkun ġie deċiż. Dan il-proċess isir kull tliet snin. Għalhekk kapitlu huwa ċelebrazzjoni ta' fraternità bejn l-Aħwa miġbura kif ukoll grazzja ta' konverżjoni, billi jfittxu li jgħixu aħjar is-sejħa tagħhom.



## MISTIEDEN SABIEX NIEĦU SEHEM

Wara li jiena, bħala segretarju tal-missjoni fil-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta, kont preżenti għall-kapitlu li Ħutna Kapuċċini fil-Kenja ċċelebraw tliet snin ilu (fl-2015), għal darb'oħra din is-sena ġejt ukoll mistieden, flimkien mal-Ministru Provinċjal Ħuna Fr Effie Mallia. Imma dan, minħabba ċirkustanzi li ma kellux kontroll fuqhom, iddeċieda li ma jivvjaġġax lejn il-Kenja. Għalhekk mort waħdi. Ilqajt l-istedina, għalkemm naf bl-impenn u s-sagrifiċċji li żjara bħal din hemm marbuta magħha. Qed nikber, u t-toqol tal-età tibda tħossu. Kont naf x'hemm jistennieni. Il-Kenja mhix meqjusa bħala *safe country*, imma mort għax naf li żjara bħal din, żjara ta' xahar sħiħ, tista' tkun ta' ġid kbir. Diġà għandi esperjenza ta' dan. Filwaqt li din kienet id-disa' żjara tiegħi fil-Kenja, kienet ukoll ir-raba' darba li attendejt il-kapitlu ta' dawn Ħutna, darbtejn bħala ministru provinċjal (fl-1994 u fl-1997) meta l-maġġoranza kienu Maltin, u issa darbtejn bħala segretarju tal-missjoni, meta l-maġġoranza assoluta huma Kenjani.

## ŻJARA FID-DJOĊESI TA' GARISSA

Fix-xahar li għaddejt fil-Kenja, minbarra li ħadt sehem attiv fit-8 kapitlu tal-Kustodja Ġenerali ta' San Franġisk t'Assisi, għamilt diversi żjarat lill-missjunarji Maltin fid-diversi oqsma ta' ħidma missjunarja fejn qed jaħdmu. Wara ġimgħa f'Nairobi għall-kapitlu, mort inżur id-djoċesi ta' Garissa, akkompanjat mill-Isqof Joseph Alessandro. Mort inżur Wajir, fejn ħadem għal snin twal Ħuna Krispin Tabone. Għamilt żjara f'Hola, fejn hemm jaħdem Ħuna Joe Galea. Fi triqti lejn Hola għaddejt minn Bura; għamilt żjara qasira f'Emmaws, fejn qaddist, u stazzjonijiet oħra tal-missjoni marbuta mal-istorja tagħna l-Kapuċċini, speċjalment fid-djoċesi ta' Garissa, ma naqsux.

## ŻJARA FID-DJOĊESI TA' MALINDI

Mid-djoċesi ta' Garissa mort ukoll inżur dik ta' Malindi, fejn sal-bidu ta' Jannar kien hemm bħala isqof Ħuna Mons. Emanuel Barbara OFMCap, li propju għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Jannar 2018. Hawnhekk

kelli ċ-ċans inżur id-dar fejn kien joqgħod u miet Ħuna Mons. Barbara. Mort nara l-parroċċa ta' Msebaha, fejn hemm jaħdem Ħuna Fr Hilary Abela. Ma naqasx li mmur ukoll inżur u nqaddes fil-Katidral ta' Malindi, fejn fl-omelija tal-quddiesa tal-Ħadd 11 ta' Marzu, fuq talba tal-istess parruċċani, li wħud minnhom kienu Malta għall-funeral ta' Mons. Barbara, tajt bl-Ingliż id-diskors li kont wassalt f'Malta fil-vġili ta' talb li sar nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar fil-knisja tas-Salib Imqaddes fil-Furjana. B'hekk kelli l-opportunità li f'isem il-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta ngħid grazzi lill-komunità Kattolika f'Malindi għal dak kollu li għamlu ma' Ħuna Mons. Barbara, speċjalment għall-fatt li taw il-permessi meħtieġa sabiex, skont ix-xewqa tal-istess isqof, il-ġisem tiegħu jkun jista' jinġieb u jindifen Malta.



Hawnhekk kelli l-ħin li nżur diversi mis-sittax-il parroċċa li hemm f'din id-djoċesi. Rajt b'għajnejja l-frott tal-ħidma missjunarja li wettqu kemm l-Isqof Frans Baldacchino kif ukoll l-Isqof Emanuel Barbara, speċjalment iċ-ċentru pastorali u r-Rescue Centre Pope Francis.

## FL-AĦĦAR: ŻJARA F'NAIROBI

Temmejt iż-żjara tiegħi fil-Kenja billi għaddejt l-aħħar jiem (mit-12 sas-17 ta' Marzu) f'Nairobi, fejn kelli l-okkażjoni nżur u nqaddes f'Ruiru, fejn ħadem għal snin twal Ħuna George Bezzina. Żjara qasira lil tal-Mużew li hemm jaħdmu f'Ruiru ma naqsitx. Kelli l-opportunità li nżur ukoll il-monumenti li ħalla warajh Ħuna Publius Cassar, fosthom il-kumpless ta' St Brigette, li jiġbor fih skola primarja u klinika, kif ukoll il-knisja ddedikata lil San Ġuda Taddew fil-kumpless ta' Westlands. Żjara lis-seminarju tagħna ma naqsitx, fejn rajt b'għajnejja kif bħalissa huwa mimli, tant li hemm uħud qed jorqdu tnejn f'kamra waħda. Fl-istess kumpless tas-seminarju żort ukoll il-Capuchins' TV, li beda jittrażmetti nhar il-15 ta' Awwissu 2017. Dan huwa l-uniku stazzjon tat-televixin Kattoliku fil-Kenja.



## GĦELUQ

Ngħid grazzi kbira lil Alla għal din l-opportunità li tani sabiex għal darb'oħra nżur din il-missjoni, li għalkemm qatt ma kont missjunarju hemmhekk, imma sa mit-twelid tagħha 44 sena ilu ħabbejtha u ħdimt għaliha, filwaqt li għadni naħdem sabiex permezz tal-Uffiċċju Missjoni nkomplu ngħinu kemm nistgħu.

Grazzi lill-Aħwa Kapuċċini Kenjani u mhux inqas lil Mons. Joseph Alessandro, li kien miegħi kull fejn mort, u lill-missjunarji Kapuċċini Maltin għall-għajnuna li sibt fihom matul ix-xahar li għaddejt magħhom.

Din iż-żjara tiegħi fil-missjoni tal-Kenja servietni sabiex nara b'għajnejja l-progress li qed isir minn Ħutna l-Kapuċċini Kenjani, żvilupp f'kull qasam ta' ħidma, kemm dak vokazzjonali u mhux inqas dak spiritwali, ħidma soċjali u pastorali. U dan kollu qed iseħħ bl-għajnuna kemm tat-talb tagħkom kif ukoll dik finanzjarja, li intom bħala benefatturi qed tagħtu. Rajt b'għajnejja fejn qed imorru l flus, kif qed jintefqu u l-ġid kbir li qed isir.

Grazzi lilkom il-benefatturi, li dejjem qegħdin magħna b'risq l-evanġelizzazzjoni f'dan il-pajjiż tal-Kenja, bi storja ta' preżenza tal-Knisja Kattolika relattivament żagħżugħa; storja ta' 100 sena.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem!



POEŻIJA
KAV. JOE M. ATTARD

# L-GĦID IT-TAJJEB

L-Għid it-tajjeb nixtiqilkom
minn qiegħ qalbi f'dawn il-jiem!
Jalla bil-qawmien ta' Kristu
qalbkom tfur bl-hena u s-sliem.

Kristu bata, miet u rxoxta
sabiex jifdi lil kulħadd.
Issa jmiss il-parti tagħna –
li ma nic̄ħduh qatt u qatt!

Kristu ssallab fuq injama
fost żebliħ, swat u tbatija;
twieled f'għar għeri u fqajjar
biex jifdina minn kull ħtija.

Fit-tliet snin li dam iterraq
mat-triqat tal-Palestina,
smajt lill-folol ta' spiss jgħidu:
'Dan il-bniedem biss jaħjina!'

Għaliex Kristu, il-Bniedem Alla,
kien ifejjaq lil kulħadd –
għalih m'hemmx razez, fruntieri,
qatt ma ħares lejn wiċċ ħadd.

Kristu Rxoxt hu l-missier twajjeb,
mis-salib fetaħ idejh,
għaliex ried meta jitgħolla
lilna jiġbed ilkoll lejh.

U għalhekk f'dan l-Għid imqaddes
nitolbuk, Mulej Ġesù,
irxuxtana mill-mewt tagħna,
imla 'l qalbna b'kull virtù.

Lill-Maltin u 'l-Għawdxin kollha
imla 'l qalbhom b'ferħ ġenwin,
li Ġesù bil-qawmien tiegħu
feda lilna l-bnedmin!

# L-AĦWA KAPUĊĊINI FIL-KENJA JIĊĊELEBRAW **IT-8 KAPITLU**



AĦBARIJIET
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Bejn id-19 u l-24 ta' Frar 2018 l-Aħwa Kapuċċini Kenjani ċċelebraw it-8 kapitlu tagħhom bħala komunità, li għalkemm bħalissa huma 'l fuq minn 100 membru, kienu 60 dawk li ħadu sehem f'din il-laqgħa li ssir kull tliet snin.

### MISTIEDNA…

Għal din il-laqgħa hekk imsejħa 'kapitlu', minbarra s-60 Aħwa Kapuċċini Kenjani kien hemm ukoll bħala mistiedna Ħuna Fr Michael Fernandes OFMCap, li bħala Kunsillier Ġenerali kien preżenti bħala rappreżentant tal-Ministru Ġenerali tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Kien hemm ukoll Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap, bħala Segretarju tal-Missjoni u rappreżentant tal-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta, li hija l-provinċja li minnha ħarġet dik tal-Kenja permezz tal-ewwel missjunarji Maltin li marru 44 sena ilu. Ġie wkoll mistieden Ħuna Mons. Joseph Alessandro OFMCap, Isqof ta' Garissa, sabiex imexxi l-quddiesa konċelebrata ta' għeluq il-kapitlu, li saret nhar is-Sibt 24 ta' Frar.

### SUĠĠETTI DISKUSSI WAQT IL-KAPITLU

Matul il-ħamest ijiem tal-kapitlu tal-Aħwa Kapuċċini Kenjani ġew mitkellma diversi suġġetti, bil-għan li ssir evalwazzjoni dwarhom u anke jittieħdu deċiżjonijiet għall-futur. Fost dawn is-suġġetti li ġew diskussi kien hemm:

- il-fraternità bil-għan li jgħixu aktar din il-kariżma Franġiskana, billi jgħixu aktar il-ħajja ta' Aħwa flimkien;
- il-ħajja ta' talb kemm flimkien kif ukoll fuq livell personali u man-nies;
- il-ħidma tal-promozzjoni vokazzjonali u mhux inqas il-formazzjoni tal-bidu fuq it-tliet livelli tagħha: postulantat – novizzjat – postnovizzjat (filosofija u teoloġija). Hawnhekk ukoll ġie diskuss it-tieni novizzjat, li se jibda jsir qabel il-professjoni perpetwa tal-Aħwa fil-formazzjoni;





- id-diversi ħidmiet li qegħdin iwettqu diġà fuq livell pastorali u oħrajn ġodda li jistgħu jidħlu għalihom;

Ġiet mitkellma wkoll il-qagħda finanzjarja, b'ħarsa lejn il-proġetti li saru, li qed isiru u li hemm ippjanat li jsiru, bil-għan li jwettqu aħjar il-ħidma pastorali tagħhom.



## SEHEM ĦUNA FR PHILIP

Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap, li kien preżenti għall-kapitlu tal-Aħwa Kapuċċini fil-Kenja, kemm bħala rappreżentant tal-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta kif ukoll bħala Segretarju tal-Uffiċċju Missjoni, ta s-sehem tiegħu billi:

- qara messaġġ mibgħut mill-Ministru Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta Ħuna Fr Effie Mallia OFMCap. Fil-messaġġ tiegħu Fr Effie, filwaqt li wera x-xewqa tiegħu li jkun preżenti imma skuża lilu nnifsu li ma setax, awgura kapitlu suċċess bil-għan li l-Aħwa Kenjani jkomplu jiskopru u jgħixu aktar is-sejħa Franġiskana fil-Kenja. Huwa għamel referenza għall-istorja ta' 44 sena meta fl-1974 marru fil-Kenja l-ewwel Franġiskani, li kienu Ħutna Kapuċċini Maltin.
- ta wkoll ir-rapport tiegħu billi fisser it-tifsira u l-ħtieġa ta' kapitlu fejn l-Aħwa reliġjużi jiltaqgħu flimkien. Fir-rapport tiegħu Fr Philip ta ħarsa lejn l-imgħoddi tal istorja tal Kapuċċini fil-Kenja, ta ħarsa wkoll lejn il-preżent billi tkellem dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-Kapuċċini fil-Kenja u mhux inqas ħarsa b'viżjoni lejn il-futur.

Fr Philip kompla jitkellem dwar il-preżent u l-futur tal-Kapuċċini fil-Kenja billi għamel referenza għall-ammont ta' flus li ntbagħtu minn Malta permezz tal-benefatturi Maltin u Għawdxin. Huwa ta rendikont finanzjarju billi semma s-somom ta' flus li ntbagħtu sabiex isiru saċerdoti ġodda, sabiex tfal jiġu megħjuna jmorru l-iskola b'xejn, sabiex isiru proġetti ta' bini ta' djar għall-patrijiet, skejjel, kliniċi, boreholes, xiri ta' mediċini u ħafna oħrajn.

Ħuna Fr Philip, meta tkellem dwar il-futur tal-Kapuċċini fil-Kenja, ippreżenta l-isfida sabiex issir kull ħidma bil-għan li twassal sabiex il-preżenza tal-Kapuċċini fil-Kenja ssir provinċja, u b'hekk ikunu aktar indipendenti mhux biss għax ikollhom numru suffiċjenti (li fil-fatt diġà għandhom) imma wkoll fuq livell finanzjarju, billi joħolqu proġetti sostenibbli u li jiġġeneraw il-flus meħtieġa għall-ħajja u l-ħidmiet tagħhom.



Ħuna Fr Philip nhar l-Erbgħa mexxa l-quddiesa konċelebrata bl-omelija flimkien mal-Aħwa missjunarji Maltin: Ħutna George Bezzina, Ilarju Abela u Joe Galea, li assistewh fuq l-artal.









## SUPERJURI MAGĦŻULA

Peress li dan il-kapitlu kien wieħed ordinarju elettiv, dawn huma l-Aħwa Kenjani li ġew magħżula sabiex imexxu l-fraternità Kapuċċina għat-tliet snin li ġejjin:

- Fr Paul Silas – is-Superjur li ġie konfermat għat tieni tliet snin
- Fr Arnold Shirima – il-Vigarju u l-ewwel Kunsillier (ikkonfermat)
- Fr Daniel Monima – it-tieni Kunsillier
- Fr Vincent Shumila – it-tielet Kunsillier (ikkonfermat)
- Fr Peter Waweru – ir-raba' Kunsillier



## AĦWA JIĊĊELEBRAW

Matul il-ġranet tal-kapitlu, tnejn mill-Aħwa Kenjani ċċelebraw wieħed għeluq il-25 sena mill ordinazzjoni saċerdotali tiegħu u ieħor għeluq il-25 sena mill-professjoni perpetwa tiegħu. Dawn huma:



- Fr Andrew Osoro OFMCap
- Fr Godfrey Odunga OFMCap



Dawn l-Aħwa Kapuċċini ċċelebraw l-anniversarji rispettivi tagħhom billi Fr Osoro mexxa quddiesa konċelebrata filwaqt li Fr Godfrey ta l-omelija. Fl-għeluq tal-kapitlu kienu ż-żewġ assistenti f'quddiesa konċelebrata mmexxija minn Ħuna Mons. Joseph Alessandro.

- Matul il-quddies ġew ukoll imfakkra l-Aħwa Kapuċċini Kenjani u missjunarji li mietu speċjalment matul l-aħħar tliet snin. Fost il-missjunarji Maltin ġew imfakkra Ħutna l-Isqof Manwel Brabara, Krispin Tabone, Mawrizju Cassar, Joe Vella u Joe Saliba.
- Filgħaxija ma naqasx mument ta' fraternità flimkien, fejn inqasam il-kejk tal-ġublew u xrobna xi ħaġa flimkien, u kulħadd awguralhom u wegħedhom it-talb tiegħu.



# KELMA TA' ĦABIB

POEŻIJA
PHILIP (LIPPU) CHIRCOP

Jekk tħossok qed tegħja,
tinfena b'xi inkwiet,
sib post f'kamra waħdek
fil-ħemda, fis-skiet.

Ipprova għarbel sewwa
l-inkwiet imnejn hu ġej,
biex inti tfiq minnu,
miktub f'dan li ġej:

Jekk l-għeja hi f'ġismek
kaġun ta' xi mard,
malajr tabib kellem;
tħallihx ikun tard.

Jekk huwa fl-ispirtu
qed tħoss it-tiġrib,
Ġesù qed jistiednek
lejh tersaq fil-qrib.

Hu jilqgħek bil-ferħa,
kif int jaċċettak;
gost jieħu jisimgħek,
b'ħabib jittrattak.

Ferragħlu fi ħdanu
it-toqol ta' qalbek;
semmagħlu l-krib tiegħek,
Hu lest jisma' talbek.

U meta mit-toqol
tal-ħtija tkun ħlist,
il-libsa tal-grazzja
tkun ilbist.





# L-INDIEMA

IL-KELMA TA' ALLA

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

Demokritu, filosfu Grieg, jgħid li l-indiema għall-ħwejjeġ ħżiena hija s-salvazzjoni tad-dinja. Il-fatt li wieħed iħoss it-toqol jagħfas fuqu għal dak li jkun għamel, il-psikologi jħarsu lejh u lejn id-dispjaċir minn angolu ta' suspett. Ukoll meta wieħed isib ruħu quddiem bniedem li għamel azzjoni tassew ħażina u wara jindem tassew minn dak li jkun għamel, jibqa' dejjem dak il-ftit inċertezza biex huwa jindem tassew. Dan jiġi mill-fatt ta' jekk dan il-ħati issa li nidem jerġax jirritorna għal dak li jkun għamel.

## Indiema naturali

Minħabba dan id-dubju hemm min jirraġuna u jżomm li l-indiema mhix virtù. Probabbilment min wasal għal dan ir-raġunament ħares lejn id-dispjaċir ta' għemilu minn angolu "naturali". Dan ikun ġej mill-fatt li nidem għaliex issa ser ikollu jwieġeb quddiem l-imħallef ta' din id-dinja, u jekk jinstab ħati jġorr il-konsegwenzi.

Ġustament wieħed niedem ta' din il-kwalità ma jiġbed lejh is-simpatija ta' ħadd. Ibda biex, għaliex mill-angolu tal-morali ma jorbotx, kif ukoll in-nies ta' din id-dinja jaraw li "niedem" ta' din il-kwalità xorta waħda ma tistax tafdah. Kien ikun ħafna aħjar li kieku l-ħati ma jkun għamel xejn ħażin. Forsi din il-kwalità ta' ndiema tissejjaħ "tal-kumbinazzjoni".

## Il-Kelma spirata

Il-ħsieb u t-tagħlim Nisrani dwar l-indiema huma kompletament differenti. L-indiema u d-dispjaċir għalhekk jitilqu mid-don tal-biża' qaddis ta' Alla dejjem b'ħarsa 'l quddiem biex id-dnub ma jerġax isir. Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dan it-tip ta' ndiema jissejjaħ ta' tip anqas perfett. Il-veru dispjaċir mela jitwieled mill-imħabba ġenwina lejn Alla, u li din tiġi murija mill-ħarba dejjem, malajr u fil-bogħod mid-dnub.

Nistgħu għalhekk insaħħu dan kollu minn diversi ġrajjiet li toffri l-kelma spirata. Diġà sa mill-ewwel paġni tal-istorja tas-salvazzjoni niltaqgħu mal-indiema wara l-ksur tal-liġi ta' Alla. Adam u martu Eva tant ħassew it-toqol u l-indiema li staħbew. Fuq dan il-pedament komplew jibnu l-profeti flimkien ma' għadd ta' nies ta' fidi vera u ġenwina. Għalhekk il-profeta Ħabakkuk qal li l-ġust jgħix għall-fedeltà tiegħu (Ħab. 2, 4).

L-istess kotba spirati juruna wkoll li anke Jaħwè kellu l-mod tad-dispjaċir tiegħu għal dak li kien se jagħmel. Dan ġara fil-każ tad-dulluvju universali. "U Alla sogħobbih li kien għamel il-bniedem fl-art, u sewwed qalbu" (Ġen. 6, 6).

L-indiema għalhekk hija wieħed minn dawk il-ftit sentimenti li Ġesù ma jaqsamhomx ma' bnedmin oħra. Ta' min joħroġ għad-dawl erba' eżempji ta' ndiema li kollha għandhom importanza qawwija fil-vanġeli.

L-ewwel minn dawn l-erba' eżempji huwa dak ta' Żakkew il-pubblikan. Il-wegħda li għamel dan il-kap tal-pubblikani kienet li jagħti nofs ġidu lill-foqra u jkompli jrodd għal erba' darbiet dak li seta' seraq b'rapporti foloz (Lq. 19, 8). U ngħiduha kif inhi, dawn l-għaxxarin (traduzzjoni ta' Mons. P. P. Saydon) kienu tassew jabbużaw mis-setgħa li tathom Ruma biex jiġbru t-taxxi. F'din il-kwalità ta' ndiema wieħed jiltaqa' mal-grazzja tal-indiema vera u konverżjoni sinċiera. Żakkew iġġieled bis-sħiħ kontra kull limitu fil-propjetà tiegħu; veru sinjal ċar ta' ndiema. Kien għalhekk li Ġesù qal: "F'din id dar illum daħlet is-salvazzjoni" (Lq. 19, 9). Issa hawn il-kelma "dar", aktar milli d-dar tal-ġebel, tfisser id-dar intima ta' Żakkew, mela l-kuxjenza u r-ruħ tiegħu.

L-indiema ta' Ġuda: wieħed għandu jittratta l-indiema ta' Ġuda b'attenzjoni kbira, u dan sabiex ma jweġġax is-sentimenti ta' dawk li jemmnu u fl-istess waqt iżommu mat-Tradizzjoni. Ħalli naraw dak li jgħid Mattew

fejn ix-xhieda ta' ndiema effettiva hija wiesgħa ħafna: "Imbagħad Ġuda, it-traditur, meta ra li Ġesù kien ikkundannat, nidem u mar bit-tletin biċċa tal-fidda għand il-qassisin il-kbar u x-xjuħ, biex jerġa' jagħtihomlhom lura, u qalilhom: 'Dak kien dnub li għamilt, meta tajtkom f'idejkom demm bla ħtija!' Iżda huma qalulu: 'Aħna din x'inhi affari tagħna? Dak arah int!' Hu waddab il-flus fis-santwarju, telaq u mar tgħallaq" (Mt. 26, 3-5).

B'mod dettaljat niltaqgħu ma' diversi punti: (a) Hawn l-ewwel affermazzjoni tal-indiema. (b) Ipprova jrodd lura l-flus tat-tradiment li għamel. (ċ) It-tieni dikjarazzjoni tal-indiema. (d) Xeħet, mela rrinunzja, għall-flus. (e) Huwa nnifsu mar u ħa l-piena għar-rimors li għamel. Donnu jidher diffiċli kif wieħed jista' jżomm li Ġuda ma kienx effettivament niedem almenu mit-tradiment li għamel, minkejja l-istat li kien jgħix fih, ikkawżat minn azzjonijiet illeċiti li abitwalment kien għamel.

Naturalment ma nistgħu qatt inkunu ċerti mill-azzjonijiet li mbuttaw lil Ġuda biex ikompli dak l-att terribbli ta' tradiment kontra l-istess mgħallem tiegħu. Fost tant ipotesijiet ta' min iwarrab dak li nsibu fil-vanġelu apokrifu ta' Ġuda, li jasal biex ifaħħar dak l-att ta' Ġuda. Biss, dwar il-mottiv li qanqal lill-appostlu biex jittradixxi lil Ġesù m'hemmx realtajiet żguri.

Hemm però xi tentattivi ta' raġuni li huma xi ftit imġebbdin. Hemm min fit-tradiment ta' Ġuda ra dik il-ħeġġa tiegħu biex iqanqal lil Ġesù jagħmel xi ġest kbir u qawwi li permezz tiegħu jeħilsu darba għal dejjem mir-Rumani. Ma ninsewx kemm il-Lhud kienu mdejqin mill-ħakma iebsa, speċjalment fil-ġbir tat-taxxi, liema flus kienu jmorru kollha lejn Ruma. Dan it-tip ta' raġunar xejn fundat jista' jagħti l-vantaġġ biex wieħed ifisser id-dispjaċir ta' Ġuda, wara ll ntebaħ bil-falliment tal-pjanijiet tiegħu.

It-tielet każ ta' persuna li nidmet huwa dak tal-appostlu Pietru (Mt. 26, 75). Dawk lċ-ċaħdiet lservu biex joħorġu għad-dawl id-differenzi bejn Pietru u Ġuda. Fir-realtà d-differenza ċentrali bejn iż-żewġ każijiet hija li Pietru emmen li kienet ħaġa possibbli li Ġesù kien lest biex jaħfirlu. Mela Pietru rebaħ dan il-fatt fil-konfront ma' Ġuda fuq il-persważjoni tal-imħabba vera tiegħu lejn Ġesù. Is-sajjied tal-Galilija kien iħobb tassew lil Ġesù wisq aktar minn Ġuda, u fehem ukoll il-kobor tal-maħfra ta' Ġesù. Kienet il-ħarsa tqila, miksura u mnikkta għall-aħħar ta' Ġesù meta s suldati kienu għaddejjin bih biex jixħtuh fil-ħabs tal-Qassis il-Kbir sakemm jisbaħ, meta għajnejn Ġesù ltaqgħu ma' għajnejn Pietru u s-sajjied induna xi żball kbir kien għamel meta ċaħad lil Ġesù. Din ix-xena seħħet fil-bitħa tal-Qassis il-Kbir Qajfas madwar it-tlieta ta' filgħodu tal-Ġimgħa 14 ta' Nisan.



Fl-aħħar hemm ukoll il-bniedem niedem fil-milja tal-kelma sħiħa. Dan huwa dak il-bniedem imsallab maġenb Ġesù (Lq. 23, 39-43). Dan ukoll f'ċertu sens jixbah lil Żakkew, għaliex bħalu wera fil-beraħ l-indiema sinċiera għal dak li kien għamel ħażin u ċanfar lil sieħbu. Imbagħad b'ħerqa kbira fuqu talab maħfra lil Ġesù u talbu biex idaħħlu miegħu fis-saltna. Ukoll meta dan preċiżament kien fl-aħħar ta' ħajtu wera li għandu vera ndiema għal dak li għamel, tant li talab lil Ġesù biex jaċċettah fis-saltna tiegħu. Biss, dan il-personaġġ jgħallimna li m'għandniex – dejjem bil-prudenza – niddefendu t-tagħlim ta' Ġesù.

Min iħoss l-indiema u jaċċettaha, dan ikun ifisser li beda miexi t-triq li twasslu għall-maħfra ġejja minn Alla missier il-ħniena.



# BELT IL-KNEJJES

Il-ħmistax-il parti

IL-BELT VALLETTA – ĠAWHRA UNIKA

JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

L-istorja tal-knejjes fil-Belt Valletta tmur lura sa qabel il-bini tal-belt innifisha. Qabel l-Assedju l-Kbir, fuq l-Għolja Xebb ir-Ras, kien hemm niċċa ddedikata lil San Pawl u tliet kappelli, iddedikati lil Santa Luċija, San Nikola u Sant'Iermu. Il-kappella ta' Sant'Iermu kienet mibnija fit-tarf nett tal-Għolja Xebb ir-Ras, biswit torri li kien iħares fuq id-daħla ta' żewġ portijiet – il-Port il-Kbir u Marsamxett. L-Gholja Xebb ir-Ras kienet tagħmel parti mill-parroċċa ta' San Ġorġ (Ħal Qormi).

Paġna ġdida għall-knejjes fuq l-Għolja Xebb ir-Ras kienet ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir u l-bidu tal-bini tal-Belt Valletta. Il-pjan tal-bini tal-belt il-ġdida u t-trasferiment tas-sede tal-Ordni mill-Birgu għall-Belt Valletta (fl-1571) irriżulta f'ħafna ħaddiema, ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq il-bini tal-belt. Il-Gran Mastru Pietro del Monte beda jagħti art lill-ordnijiet reliġjużi biex jibnu kunventi u knejjes. L-ewwel ordni li ġiet mogħtija art kienet dik Dumnikana. Dan kien fis-sena 1569. Sena wara l-patrijiet Karmelitanti ġew mogħtija biċċa art oħra. Fl-1571 żewġ ordnijiet ġew mogħtija roqgħa art. Dawn kienu l-Ordni Agostinjan u l-Ordni tal-patrijiet Franġiskani Minuri, magħrufa hawn Malta bħala l-patrijiet Ta' Ġieżu. Il-patrijiet Franġiskani Konventwali ġew mogħtija art fl-1598.

## L-Inkwiet

Id-Dumnikani, meta ġew mogħtija l-art, mill-ewwel ħasbu biex jibnu kappella biex jaqdu l-ħaddiema li kienu jaħdmu fuq il-bini tal-Belt Valletta. Mill-ewwel daħlet l-idea ta' parroċċa f'idejn il-patrijiet Dumnikani. Il-kappillan ta' San Ġorġ (Ħal Qormi), Don Mariano Briffa, inqaras bl-aħbar ta' din il-parroċċa ġdida. Jekk kienet ser titnaqqas il-firxa art tal-parroċċa tiegħu, id-dħul tiegħu kien se jonqos. Il-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina żamm mal-Kappillan Briffa.

Minkejja din il-protesta, il-Papa Piju V qata' l-art tal-Belt Valletta mill-parroċċa ta' Ħal Qormi bid-dritt li l-patrijiet ikunu jistgħu jamministraw is-sagramenti. Il-Gran Mastru qabel ma' dan il-pass u ta l-kunsens tiegħu.

Il-problema kompliet tikber. L-Isqof Tumas Gargallo (1578-1615) żamm iebes. Hu bagħat membru tal-kleru djoċesan biex jamministra



s-sagramenti u ordna l-bini ta' kappella, kappella ddedikata lil San Pawl, missier il-Maltin. Din il-kappella kienet lesta fl-1579.

### Il-bini tal-knejjes

Għall-ewwel ħafna mill-knejjes li bdew jinbnew kellhom il-pjanta tal-perit u inġinier militari Gerolamo Cassar (c. 1520-1592). Minħabba ż-żieda fin-numru tan-nies li ħallew l-irħula tagħhom u marru joqogħdu fil-belt il-ġdida nħasset il-ħtieġa li dawn il-knejjes jinbnew mill-ġdid. Ħafna knejjes waqgħu u telgħu mill-ġdid fuq pjanti ta' periti oħra. Telgħu fuq stil aktar Barokk. Maż-żmien dawn ġew dekorati bi rħam, arti u oġġetti magħmula bl-idejn. Ħafna minnhom huma tassew opri artistiċi.

### Xi knejjes (mhux parrokkjali) xi żżur

- Il-knisja ta' San Franġisk – Triq ir-Repubblika. Hawn jinsabu pittura ta' Mattia Preti, Pietro Gagliardi u Filippo Paladini.
- Il-knisja tal-Karmnu – Triq it-Teatru. Hawn tinsab pittura tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol tas-seklu 17, li ġiet inkurunata fl-1881.
- Il-knisja tal-Ġiżwiti – Triq il-Merkanti. Hawn tinsab il-kappella tal-Onorati.
- Il-knisja Ta' Ġieżù – Triq San Ġwann. Hawn jinsabu l-kurċifiss mirakoluż (xogħol Fra Umile Pintorno), pittura tal-Pietà (xogħol Stefano Erardi) u l-qabar tal-Beatu Nazju Falzon.

Dawn il-knejjes ikunu miftuħa bejn id-9 ta' filgħodu u nofsinhar u bejn il-5 u s-7 ta' filgħaxija.



## RADJU MARIJA

Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm *VUĊI MISSJUNARJA* li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.



## PADRE PIO
## 100 SENA MILL-GĦOTI TAL-PJAGI
## 50 MIT-TWELID TIEGĦU GĦAS-SEMA



# IN-NIFDA TAL-QALB

PADRE PIO
FR JOE BUTTIGIEG OFMCAP

Padre Pio mhux biss huwa l-ewwel saċerdot bil-hames pjagi ta' Sidna Ġesù Kristu, imma l-uniku wieħed li ġie mogħti lilu sehem mill-esperjenza sħiħa tal-passjoni ta' Ġesù, jiġifieri l-kuruna tax-xewk, il-flaġellazzjoni, il-pjaga l-moħbija, u xejn inqas in-nifda tal-qalb.

In-nifda tal-qalb, imsejħa "transverbazzjoni", hija esperjenza mistika kbira ta' mħabba, imsieħba minn uġigħ kbir u tal-biża'.

It-terminu "transverbazzjoni" jfisser in-nifda b'oġġett bil-ponta fil-qalb, bħalma tista' tkun vleġġa jew lanza. Din hija opra ta' Alla stess imwassla permezz ta' ħlejqa smewwija bħalma hu xi anġlu. In-nifda tal-qalb hija msejħa wkoll "ġerħa ta' mħabba" meta din turi lilha nnifisha minn barra. Hija msejħa wkoll "attakk tas-serafin", għaliex is-sehem ta' dan l-anġlu huwa li jqabbad il-qalb bin-nar tal-imħabba. L-uġigħ tan-nifda tal-qalb huwa żgħir ħdejn il-ġerħa ta' mħabba.

Il-ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet ifisser is-sentimenti tal-persuna meta l-ġisem tagħha jiġi meħud minn preżenza divina. Naqraw hekk: "Bniet ta' Ġerusalemm, nitlobkom bil-ħerqa, jekk intom issibu l-maħbub tiegħi, x'sejrin tgħidulu? Li mradt bl-imħabba!" (kap. 5, 8).

Imbagħad, kemm fil-patroloġija Griega kif ukoll dik Latina, missirijiet il-Knisja jitkellmu mit-tema tal-ġerħa tal-imħabba bħala l-ħidma ta' Alla fil-bniedem. Fost dawn insibu lil Origene, il-psewdo-Macario u San Girgor ta' Nissa. Santu Wistin ukoll iqis il-pjagi ta' Ġesù bħala ġrieħi ta' mħabba.

Fis-seklu 17 kien qam dibattitu fuq l-identità ta' din il-ġerħa tal-qalb: hija tiċrita tal-organu permezz ta' nifda jew ġerħa ta' oriġini naturali? Xi wħud, bħal San Ġwann tas-Salib, jitkellmu minn kawterizzazzjoni mistika bejn il-Persuni Divini fit-Trinità ta' Alla u l-persuna umana, imqabbla ma' tisfija ta' mħabba; teoloġi u studjużi oħra jitkellmu minn pjagi tal-ġisem. Eżempju qawwi ta' dan hija Santa Tereża ta' Ġesù, li skont eżami fuq il-qalb tagħha rriżulta li hija ġarrbet in-nifda fil-livell tal-arterja tal-qalb. Għall-mistika Kapuċċina Santa Veronika Giuliani wkoll ġrat xi ħaġa tixbah lil tal-qaddisa ta' Avila. Wara l-mewt tagħha, dawk li kienu preżenti jixhdu li raw fuq qalbha dak li hija nnifisha tgħid lill-konfessur: li fil-qalb tagħha kien ġie stampat stendard imdawwar b'żewġ fjammi, fejn wieħed kien jista' jaqra l-isem ta' Ġesù u dak ta' Marija, flimkien mal-għodda tal-passjoni u s-salib.

Din il-mistika kbira tagħna tirrakkonta fid-djarju tagħha li ġarrbet diversi drabi n-nifda tal-qalb. F'waħda mid-dehriet hija rat raġġi ta' dawl resqin lejha, li kienu ħerġin mill-5 pjagi, erbgħa mill-pjagi kellhom il-musmar u minn waħda minnhom kienet ħierġa lanza tad-deheb, taħraq, li resqet lejha u nifditha minn naħa għall-oħra, mill-qalb.

Hija diġà, qabel, kellha dehra ta' Kristu fuq is-salib, li ratu jaqla' d-driegħ tal-lemin minn mas-salib, iniżżlu 'l isfel lejha u bil-musmar jinfdilha lil qalbha.



Wieħed ma jridx jinsa d-dehra li kellu San Franġisk ta' Assisi fuq La Verna, tas-serafin b'sitt ġwienaħ u x-xbieha ta' Kristu msallab li minnu ħarġu raġġi li nifdu l-idejn u r-riġlejn tal-fqajjar, li wieħed jista' jsejħilha 'transverbazzjoni'.

Claudine Moine, mara lajka, imlaqqma 'l-mistika ta' Pariġi', fis-seklu 17 tirrakkonta dak li għexet: "Imbagħad rajt is-sema miftuħ u lill-Mulej tagħna, li mit-tron tal-glorja tiegħu nifed lil qalbi bi vleġġa."

Imbagħad, 100 sena ilu, Padre Pio minn Pietrelcina, protagonista ta' esperjenzi ta' tbatija, ġarrab id-dehra ta' xi ħadd mis-sema li kellu f'idejh strument jixbah lil lanza tal-ħadid, twila ħafna, bil-ponta msinna, li minnha kien qisu ħiereġ in-nar. L-anġlu daħħal b'kemm kellu saħħa dan l-istrument sal-ġewwlenl tiegħu. Dan kien il-bidu tal-ġerħa tal-kustat, li seħħet qabel ma l-qaddis ġie mmarkat bil-ġrieħi tal-Mislub.




Kien nhar il-5 ta' Awwissu 1918, waqt li kien iqarar is-seminaristi fiċ-ċella numru 5 tal-kunvent Kapuċċin ta' San Giovanni Rotondo, li huwa ħassu ser imut. Din l-agunija baqgħet għaddejja bla ma taqta' sa sbieħ il-jum tas-7 tal-istess xahar, sa jumejn wara!

"Minn dakinhar sal-lum sfajt midrub għall-mewt. Inħoss il-ġewwieni ta' ruħi bħal ġerħa dejjem miftuħa, li taqtagħli nifsi." (Vol. 1, 1065). In-nifda tal-qalb laħqet il-milja tagħha fl-20 ta' Settembru 1918.

It-transverbazzjoni ta' San Piju ta' Pietrelcina hija waħda mill-fenomeni li jiffurmaw in-nisġa tal-ħajja spiritwali tiegħu, u b'mod iktar speċifiku, il-mixja mistika tiegħu. F'Padre Pio din hi l-esperjenza tan-nifda tal-qalb. Qabel din l-esperjenza huwa kien għaddej minn żmien ta' tbatija morali kbira, ta' abbandun: kollox kien idejqu; madanakollu baqa' mqabbad mal-Mulej, u lill-Mulej kien jitolbu kollox.

Kien f'din il-qagħda li Padre Pio jikteb lil Padre Benedetto minn San Marco in Lamis, mexxej spiritwali tiegħu, u jgħarrfu li kważi ma kellux iktar qawwa jiġġieled: "Id-dawl jagħmini, inħossni għajjien, u kieku mhux minħabba fl-ubbidjenza, diġà rħejt ir-riedni għalkollox."

San Piju jiddeskrivi l-ġrajja tan-nifda tal-qalb, li tiegħu klenet fir-ruħ u fil-ġisem, hekk: "M'iniex denn ngħidlek dak li ġrali dan l-aħħar. Kont qed inqarar liż-żgħar tagħna, filgħaxija tal-5 ta' Awwissu, meta f'daqqa waħda mtlejt b'biża' kbir meta rajt personaġġ tas-sema li deher quddiem l-għajnejn tal-intellett. F'idu kien qiegħed iżomm bħal arma, tixbah lil biċċa ħadida twila, bil-ponta msinna, u deherli li minn din il-ponta kien ħiereġ in-nar. Li nara dan kollu u lil dan il-personaġġ idaħħal dan l-istrument bis-saħħa kollha fir-ruħ tiegħi, kollox seħħ f'daqqa waħda.

"Bilkemm stajt inlissen karba, ħassejtni qiegħed immut. Dan il-martirju dam sejjer mingħajr waqfien sa filgħodu tas-seba' jum. Dak li batejt f'dan iż-żmien ta' Luttoso ma nafx infissru. Rajt saħansitra l-ġewwieni jiġi mċarrat u beda ħiereġ ma' dik l-arma, u kollox kien imqiegħed għall-ħadid u n-nar." (Vol. 1, p. 1065)

Padre Pio malajr ħaseb li dan kien xi kastig ġdid fuqu, imsejken midneb, minn Alla. Iżid jgħidlu: "Jiena għandi r-raġunijiet kollha biex nibża' u li nkun fl-Ikbar niket."

U Padre Benedetto jsabbru billi jgħidlu: "Ġesù, minn filgħaxija tal-5 sa sbieħ il-jum tas-6 ta' Awwissu, tak prova oħra tal-imħabba speċjali tiegħu. Il-ġerħa spiritwali ta' dak il-personaġġ tas-sema hija s-sinjal tal-imħabba ta' Alla għalik," u jfakkru li s-6 ta' Awwissu kien l-anniversarju tal-pjagi.

## DOKUMENT ĠDID BL-APPROVAZZJONI TAL-PAPA



# ĠESÙ BISS? U S-SAGRAMENTI?

KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

Għadna kemm iċċelebrajna l-misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu. B'hekk Ġesù saħħaħ dak kollu li għamel u għallem, u permezz ta' hekk ġabilna s-salvazzjoni sħiħa: għamilna mill-ġdid ulied il-Missier u aħwa bejnietna. B'din l-opra kbira tar-redenzjoni huwa ħelisna mid-dnub u ħallas id-dejn li kellna mal-Missier. Imma għax huwa jaf li xorta waħda nibqgħu bnedmin dgħajfa, nonqsu u nerġgħu nonqsu, fi ħnientu bla qies huwa tana l-mezzi: il-Knisja, is-sagramenti, is-saċerdoti li f'ismu jwasslulna l-Kelma tiegħu flimkien ma' dawn l-għejun tal-grazzja.

Bit-tibdil radikali u mgħaġġel fil-mentalità ta' żmienna, il-bniedem malajr jasal biex jaħseb li huwa biżżejjed ikollu relazzjoni m'Alla, kif jaħseb hu u kif ifassal hu. Dan jagħmlu mingħajr ma jagħti kas, jew jinsa jew ma jkunx jaf sewwa biżżejjed, dak li għamel u għallem dwar dan Ġesù stess.

Għal dan il-għan, il-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi ħejjiet ittra li ġiet approvata mill-Papa, li ordna li tiġi mxandra lill-Insara kollha. B'dan id-dokument il-Papa Franġisku kompla saħħaħ u aġġorna d-dikjarazzjoni *Dominus Jesus*, li l-istess kongregazzjoni kienet ħarġet fis-6 t'Awwissu tas-sena 2000.

### Alla għoġbu jsalvana bi Kristu

Din l-ittra, li tibda bil-kliem Latin "*Placuit Deo*", jiġifieri "Hekk jogħġob lil Alla", ġiet imxandra fl-ilsna ewlenin kollha fl-1 ta' Marzu li għadda. L-ewwel kelmiet ta' din l-ittra huma meħudin mill-kostituzzjoni dommatika tal-Konċilju Vatikan II *Dei Verbum*, dwar ir-rivelazzjoni (par. 2), li jistqarr:

"Alla għoġbu, fit-tjieba u l-għerf tiegħu, jirrivela lilu nnifsu u jgħarraf il-misteru tar-rieda tiegħu (cf. Ef. 1, 9), li bih il-bnedmin, permezz ta' Kristu, il-Verb magħmul bniedem, jistgħu jersqu, fl-Ispirtu s-Santu, lejn il-Missier u jkollhom sehem min-natura ta' Alla (cf. Ef. 2, 18; 2 Pt. 1, 4) [...] Din il-verità dwar Alla u s-salvazzjoni tal-bniedem tidher ċara għalina fi Kristu, li huwa kemm il-medjatur kif ukoll il-milja tar-rivelazzjoni."



Dan l-ewwel paragrafu ta' din l-ittra jkompli jurina "fid-dawl tat-tradizzjoni kbira tal-fidi, u b'mod partikolari b'referenza għat-tagħlim tal-Papa Franġisku, xi aspetti tas-salvazzjoni Nisranija li jista' jkun diffiċli tifhimhom illum minħabba l-bidliet kulturali riċenti."

Din l-ittra tagħmel referenza qawwija u preċiża għall-qagħda li fiha ninsabu. Tikkwota spiss il-maġisteru tal-Papa Franġisku, li ġa fl-ewwel ittra enċiklika tiegħu *Id-Dawl tal-Fidi*, tad-29 ta' Ġunju 2013, wera kif illum nistgħu naħsbu li t-tfittix tal-verità li jwassal għall-unità sħiħa huwa "inkompatibbli mal-libertà tal-ħsieb u mal-awtonomija personali" (par. 47). Imbagħad, b'mod aktar espliċitu, il-Papa Franġisku jitkellem dwar dan f'*Il-Ferħ tal-Evanġelju*, fejn itenni b'mod aktar konkret li meta l-bniedem isir huwa l-qies ta' kollox, jingħalaq fih innifsu u Ġesù Kristu ma jidħolx fi ħsibijietu u f'għemilu; it-tagħlim tal-Evanġelju ma jibqax il-qies u l-iskop tal-ħajja, u għalhekk anqas jaħseb dwar l-oħrajn madwaru (par. 94).

## L-individwaliżmu sfrenat

Fil-messaġġ tar-Randan għal dis-sena wkoll il-Papa jfakkarna li meta l-bniedem tonqsu l-imħabba vera u din tibred, ħafna affarijiet li qabel kienu jidhru impossibbli jsiru possibbli. Hekk qed naraw, anke madwarna, il-kilba għall-ġid li jgħaddi u r-regħba għall-flus; in-nuqqas tal-imħabba anke lejn min hu fraġli ħafna, bħalma hija t-tarbija fil-ġuf, l-anzjani morda u persuni li jitolbu l-għajnuna tagħna u r-refuġjati.



Kemm naraw u nisimgħu madwarna, u wkoll qribna, u xi drabi minn Insara li jgħidu li jipprattikaw il-fidi Nisranija u Kattolika imma mbagħad jieħdu biss dak li jaqbel lilhom jew jgħixu l-istil ta' ħajja li jfasslu jew skont iċ-ċirkustanzi tal-ġurnata!

Hekk, kif tista' tifhem Nisrani jew Nisranija "sħaħ" meta mill-Evanġelju jibdew jagħżlu minn kliem Kristu dak biss li jaqblilhom? Kif tista' biss taħseb li nistgħu nsalvaw mhux permezz tal-Knisja li Ġesù waqqaf biex tgħinna nakkwistaw is-salvazzjoni u tgħallimna l-verità? U ma' dawn ukoll jidħlu n-nuqqas tal-frekwenza tas-sagramenti li Ġesù nnifsu waqqaf bħala għajnuna għalina, dgħajfa fi triqitna lejh!

U aktar minn hekk, bħala eżempju ieħor, minn fejn ġibnieha l oħra li jien nipprova nbiddel il-ħtieġa, mhux biss dmir, tal-quddiesa tal-Ħadd mal-komunità Nisranija bħala poplu t'Alla u jkun biżżejjed għalija mmur il-knisja f'jum li nagħżel jien – jekk immur – ninsa jew inwarrab li jum il-Mulej huwa l-jum tal-Ħadd, b'tifkira tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet?

## Il-ħtieġa tal-Qrar u t-Tqarbin

"L-Ittra preżenti trid tistqarr mill-ġdid li s-salvazzjoni tikkonsisti fl-għaqda tagħna ma' Kristu, li bl-inkarnazzjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu ġab ordni ġdida ta' relazzjonijiet mal-Missier u bejnietna l-bnedmin, u daħħalna f'din l-ordni bis-saħħa tad-don tal-Ispirtu tiegħu" (par. 4). Għax is-salvazzjoni sħiħa mhix xi idea jew xi ħaġa teoretika jew idea tal-moħħ, imma "laqgħa ma' ġrajja u ma' persuna li huwa Ġesù, l-Iben t'Alla (par. 14).

U kif huwa ppruvat ċar u miżmum b'mod kostanti dejjem fit-tradizzjoni vera tal-Knisja, din il-ħajja tiġi fina permezz tal-grazzja tas-sagramenti, li biha "dawk li jemmnu jkomplu jikbru bla heda u jiġġeddu fl-ispirtu, b'mod speċjali meta l-mixja ssir aktar diffiċli" (par. 13). Dan l-aktar li jseħħ fina permezz tas-sagramenti tar-rikonċiljazzjoni u tal-ewkaristija, tisħaq din l-ittra fl-istess nifs.

Bħala Nsara nħossuna xxurtjati li Ġesù tana dawn il-mezzi mhux biex ixekkluna jew itaqqlu l-ħajja tagħna, imma bħala għajnuna li tgħinna wkoll niżviluppaw il-personalità tagħna. Inkunu aħna li nagħrfu dan sewwa; nippruvaw ngħixuh kollu bil-ferħ u nuruh fil-prattika tal-ħajja konkreta tagħna ta' kuljum. Hekk Kristu jkun dejjem u kollox għalina; is-sagramenti jkunu l-ħajja tagħna. Nilqgħu aktar il-Kelma t'Alla kif imwassla lilna mill-Knisja li Ġesù waqqaf għalina biex tgħinna f'mixjitna f'din il-ħajja. Dan ikun il-ferħ veru ta' Kristu rxuxtat f'ħajjitna ta' kuljum.

B'dan il-ħsieb nawguralkom dejjem Għid tajjeb u qaddis kuljum f'ħajjitna.



# IS-SALIB TA' SAN DAMJAN SALIB FRANĠISKAN



SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

Matul dan iż-żmien tar-Randan, bla dubju ta' xejn, il-ħarsa tagħna tmur ħafna aktar mis-soltu fuq is-salib ta' Ġesù, fuq l-għuda li permezz tagħha l-Mulej salva lilna. Fis-salib aħna l-Insara ma narawx falliment, telfien jew mewt, iżda rebħa li l-Mulej għamel għalina. Tbatija li permezz tagħna aħna lkoll sirna ħielsa, mifdija u wlied Alla.



Fit-tradizzjoni Franġiskana s-salib dejjem kellu post prominenti fil-meditazzjoni u fit-talb. Is-salib ifakkarna li l-Mulej "ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mt. 20, 28). Is-salib għandu jkun għalina turija ċara tal-imħabba li għandu Alla. Forsi aħna rridu nerġgħu niskopru mill-ġdid l-importanza ta' dan is-simbolu fil-ħajja tagħna, simbolu li San Pawl jgħid li huwa "skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud, sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla" (1 Kor. 1, 23-24). Għalina mela dan is-salib għandu jkun simbolu li jikxef min tassew aħna. Ejjew f'dan ir-Randan naħdmu biex is-salib ma jibqax biss ornament li nilbsu, xi ħaġa li nwaħħlu mal-ħajt, imma jsir verament sinjal ċar tal-fidi tagħna f'Alla u turija tal-imħabba li huwa għandu lejna.

San Franġisk ta' Assisi kellu devozzjoni partikolari u speċjali lejn tliet mumenti tal-ħajja ta' Ġesù: l-inkarnazzjoni, is-salib u l-ewkaristija. Fil-ħajja tiegħu naraw li kellu laqgħa tassew sabiħa mal-kurċifiss hekk imsejjaħ 'ta' San Damjan'. Laqgħa li bidlitlu ħajtu u tatu direzzjoni ġdida.

Imma għaliex dan is-salib huwa daqshekk speċjali? Għaliex anke llum il-ġurnata għadu daqshekk popolari fl-ambjenti Franġiskani?

L-ewwel ħaġa li wieħed jinnota meta jara dan is-salib ta' San Damjan hija li dan is-salib għandu dehra differenti mis-slaleb li naraw is-soltu. Nistgħu ngħidu li dan huwa aktar ikona Biżantina milli sempliċiment salib.

Dan is-salib kien importanti għal Franġisku għaliex minnu sema' lil Ġesù jgħidlu: "Franġisku, m'intix qed tara kif id-dar tiegħi qed tiġġarraf? Mur, mela, u ibniha mill-ġdid għalija" (Leġġenda tat-tliet kumpanni). Dan il-kliem huwa semgħu waqt mument ta' talb li kien qiegħed jagħmel fil-kappella ta' San Damjan quddiem din ix-xbieha tas-salib. Wara l-istedina ta' dan il-kliem Franġisku ddeċieda li jbiddel ħajtu u jibda jara l-Mulej tassew xi jrid minnu. Ma fehemx mill-ewwel, iżda huwa kien miftuħ għal dak li Alla jrid, u għalhekk għaraf bil-mod is-sejħa tiegħu.

## L-Ikona

Għalkemm ma nafux min hu l-awtur ta' din l-ikona, żgur nistgħu naraw li huwa kien ispirat mill-Evanġelju skont San Ġwann. Dan joħroġ mill-fatt li Ġesù fuq dan is-salib donnu ma jidhirx qiegħed ibati, fl-agunija jew tellief. Ġesù jidher rebbieħ, b'saħħtu u b'serenità fuqu. Għall-evanġelista Ġwanni s-salib għal Ġesù kien it-tron tiegħu u mhux it-telfien.

L-ikona mhix pittura! L-ikona hija frott esperjenza ta' talb u meditazzjoni. L-importanza fl-ikona mhix biss is-sbuħija tal-arti iżda aktar il-messaġġ li l-kittieb irid jagħtina. L-ikona tinħoloq f'esperjenza ta' talb u ssir biex tgħin lilna nitolbu. Kull kulur, ġest u personaġġ għandu tifsira u messaġġ xi jwasslilna.

## Is-salib

Ejjew nibdew issa nispjegaw u nifhmu dan is-salib bil-għan li jgħinna fit-talb u r-riflessjoni tagħna.

Jekk nibdew mill-parti ta' barra nett tas-salib nindunaw li teżisti bordura li hija magħmula minn ħafna arzelli. L-arzella kienet meqjusa bħala simbolu tas-sbuħija u l-ħajja eterna. F'dan is-salib l-arzella hija simbolu tal-eternità. Taħt saqajn Ġesù mbagħad il-bordura hija miftuħa. L-ikona qed tistedinna nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-ħajja ta' dejjem.

## Il-Qaddisin (ta' taħt saqajn Ġesù)

Jekk ninnutaw, taħt saqajn Ġesù hemm xi figuri. Jidher li biż-żmien, anke bid-devozzjoni, dawn il-figuri spiċċaw xi ftit u għalhekk illum nistgħu naraw biss tnejn minnhom li għandhom raġġieri ma' rashom. Ma nafux min huma dawn il-personaġġi, iżda li hu żgur huwa li għamlu mixja lejn il-ħajja ta' dejjem u waslu. Qegħdin hemm biex jistednuna biex aħna wkoll nissieħbu magħhom. Ifakkruna li aħna m'aħniex waħedna f'dan il-vjaġġ; hemm persuni li mxew qabilna u oħrajn li qed jimxu magħna.



## Il-blata

Il-parti ta' isfel tas-salib hija bħal blata. Din il-blata tfakkarna fil-kliem ta' Ġesù meta qal: "Kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat" (Mt. 7, 24). Din l-ikona-salib mela hija stedina għalina biex aħna wkoll nibnu ħajjitna fuq il-blat, fuq is-sod, u allura fuq Ġesù.

## Il-Figura ta' Ġesù

Bla dubju ta' xejn Ġesù huwa l-protagonista ta' din l-ikona. Tajjeb li niftakru li skont San Ġwann kien Ġesù stess li ta lilu nnifsu lis-suldati: "Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri" (Ġw. 10, 18). Ġesù għalhekk fuq is-salib jidher li huwa konvint minn dak li qiegħed jagħmel.

## Id-dawl

Il-figura ta' Ġesù qisha mdawla. Dan l-awtur jagħmlu għax, għal San Ġwann, li Ġesù qiegħed fuq is-salib mhux mument ta' dlam iżda mument ta' glorja: "Bin il-Bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla" (Ġw. 13, 31). Ġesù huwa d-dawl li jdawwal il-ħajja interjuri tagħna, dak li jagħti sens lid-dlam tal-ħajja tagħna.

## Fuq saqajh

Ġesù jinsab qisu bilwieqfa fuq saqajh. F'San Ġwann ma naqrawx li Ġesù ġie megħjun miċ-Ċirinew iġorr is-salib. Għal Ġwanni, Ġesù ma kellux bżonn għajnuna. Ġesù jieqaf fuq saqajh għaliex huwa Hu l-protagonista. Ġesù hawnhekk jidher rebbieħ, imqajjem, dak li ħareġ rebbieħ.

## Mill-iswed għall-aħmar

Jekk ninnotaw il-kuluri ta' din l-ikona naraw li Ġesù huwa msallab fuq l-iswed u dan imdawwar bl-aħmar. L-iswed fl-ikona jfisser id-dnub filwaqt li l-aħmar jissimbolizza l-imħabba. Ġesù rebaħ id-dnub, il-mewt, il-ħażen, dak kollu li hu negattiv. Din ir-rebħa għamilha permezz tal-imħabba. L-ikona tisfidana biex aħna wkoll nemmnu li l-imħabba tirbaħ il-ħażen u l-qtigħ ta' qalb.

## Ħiereġ mit-tebut

Jekk inħarsu lejn it-tarf tal-qalziet ta' Ġesù naraw li għandu forma partikolari. Mhuwiex sempliċi drapp li jifforma l-piegi. Anke jekk nerġgħu ninnotaw saqajn Ġesù, huma ħerġin mill-iswed. Din il-forma hija immaġni komuni fl-ikoni Griegi, u tintuża biex tindika tebut jew qabar. Ġesù hawn għalhekk huwa ħiereġ mill-qabar. Dan ikompli jikkonfermalna li Ġesù tassew rebaħ fuq id-dnub u l-mewt.

## Idejh miftuħa

Idejn Ġesù fuq is-salib qishom idejn li qed jilqgħu lil xi ħadd. Ninnutaw ukoll li ma jidher ebda sinjal ta' sofferenza u tbatija fuq Ġesù. Dawn l-idejn miftuħa jfakkruna f'missier l-iben il-ħall, li qed jilqa' lura lil ibnu, jew fir-ragħaj li

sab in-nagħġa l-mitlufa. Żgur li huma għalina stedina minn Ġesù, li qiegħed jgħidilna: "Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jien inserraħkom" (Mt. 11, 28.30).

### Il-Wiċċ ta' Ġesù

F'din l-ikona Ġesù mhuwiex liebes kuruna tax-xewk iżda minflok għandu raġġiera, kuruna ta' sultan. Il-kuruna imma għandha salib fil-bażi tagħha, u f'kull traversa hemm is-sinjal tal-ħames pjagi. Dan ikompli jfakkarna li s-salib għal Ġesù huwa tassew it-tron.



### Xagħar Ġesù

Għalfejn xagħar Ġesù huwa twil u pulit fuq spallejh? Kif seta' jibqa' daqshekk pulit wara dak kollu li għadda minnu? Fit-Testment il-Qadim ix-xagħar twil huwa meqjus bħala sinjal tal-konsagrazzjoni. Fil-Medjuevu, min-naħa l-oħra, ix-xagħar twil huwa assoċjat man-nobbilità. Fl-Iskrittura nsibu li n-nażir, l-ikkonsagrat tal-Mulej, ma kienx iqaxxar xagħru.

### Għajnejh

Għajnejn Ġesù huma kbar u miftuħin. Miftuħin għax Ġesù huwa ħaj. Għajnejh kbar għax Ġesù huwa r-ragħaj li jagħraf in-nagħaġ tiegħu. Għajnejh jistednuna biex nitkellmu miegħu, inqattgħu ftit ħin nitħaddtu miegħu. Jistednuna biex nersqu viċin tiegħu kontinwament u nħalluh jidħol f'ħajjitna.

### Widnejh

Il-widna fl-ikona hija importanti ħafna. Huwa sabiħ kif l-awtur ta' din l-ikona jdaħħal il-widna ħierġa minn taħt ix-xagħar ta' Ġesù. Il-widna tfakkarna li Alla tagħna huwa Alla li jisma' t-talb li nagħmlulu u jaġixxi fuqu. Hija stedina biex inressqu quddiem il-Mulej it-talb u x-xewqat tagħna, għaliex huwa dejjem lest li jismagħna.

### Il-ħalq

Xufftejn Ġesù huma żgħar. Xufftejn ta' xi ħadd li jqis kliemu.

### L-espressjoni tal-wiċċ

L-espressjoni tal-wiċċ hija serja iżda serena. M'hemmx fiha tbatija fiżika tal-passjoni imma wiċċ igglorifikat wara li kien imqajjem mill-mewt. Huwa serju għaliex il-kruċifissjoni hija importanti ħafna. Il-missjoni tiegħu issa kienet waslet biex tintemm. Hu seren ukoll għax hu konvint li l-Missier iħobbu u li qiegħed miegħu. Għalhekk jista' jintelaq b'fiduċja sħiħa fih.

### Il-pjagi

Id-demm li ħiereġ mill-pjagi mhux iqattar imma ħiereġ bil-qawwa. Il-bniedem tal-qedem kien jemmen li d-demm huwa dik il-parti li ġġorr il-ħajja. Id demm huwa propjetà ta' Alla. Huwa Alla li ħalaq id-dinja, huwa hu li jagħti l-ħajja, u għalhekk hu Sid il-ħajja. Fir-riti tas-sagrifiċċju kienu joffru d-demm tal-annimali. Id-demm ħiereġ mill-kustat huwa mraxxax fuq il-persuni li hemm taħtu.



### L-ilbies

Id-drapp li bih huwa mdawwar huwa drapp fin. L-għoqda mhux magħmula bl-addoċċ imma mirquma u l-qalziet għandu l-bordura tad-deheb. Ifakkarna fl-ilbies tal-qassisin li kienu joffru sagrifiċċju lil Alla fit-tempju. Ġesù għalhekk huwa s saċerdot li qed joffri sagrifiċċju. Għaldaqstant il-qalziet ta' Ġesù qed jurina li Ġesù ġie biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra.

### Il-persuni taħt idejn Ġesù

Jekk nimxu mix-xellug għal-lemin naraw lil Marija ommu, Ġwanni, Marija Madalena, Marija omm Ġakbu u ċ-Ċenturjun. Ninnutaw li l-personaġġi kollha jixxiebhu. Jixxiebhu għax ilkoll ulied Alla, ilkoll ġew maħluqa fuq xbieha

ta' Alla, hekk kif insibu fil-Ktieb tal-Ġenesi. Id-dixxipli bil-mod il-mod isiru jixbhu lill-Imgħallem tagħhom. Il-personaġġi huma mpinġija ndaqs bħala kobor. Li hu importanti mhux tant il-qdusija personali daqskemm li Kristu jkun 'kollox f'kollox'. Flimkien dawn id-dixxipli jirrappreżentaw lil dawk li jemmnu fi Kristu u jimxu warajh.



Fl-ikoni, dawk li huma mpinġija ħdejn is-salib isiru medjaturi għalina minħabba li għexu ta' bnedmin iżda issa qegħdin jaraw lil Alla. Il-persuni f'din l-ikona ltaqgħu ma' Ġesù ta' Nazaret, rawh imut fuq is-salib u ltaqgħu miegħu wara li qam mill-mewt.

Tajjeb li kieku wieħed jieqaf ukoll ma' kull personaġġ li hemm taħt idejn Ġesù u anke mal-kulur tal-ilbies tiegħu, iżda naħseb mhuwiex il-post f'dan l-artiklu.

## Il-personaġġi ż-żgħar

Ma' djul Marija u ma' djul iċ-Ċenturjun wieħed jara li hemm personaġġi żgħar. Wieħed minnhom huwa suldat Ruman u l-ieħor uffiċjal Lhudi. F'San Ġwann dawn iż-żewġ kategoriji huma dawk li qatlu lil Ġesù. Il-kitba taħt is-suldat u l-lanza li għandu f'idejh tindikah bħala Lonġinu – dak li nifed il-kustat.



Id-daqs tagħhom huwa żgħir – dan għaliex minkejja li kienu huma li qatluh, kien Ġesù stess li ta lilu nnifsu f'idejhom.

## Is-serduk

Ħdejn is-sieq ix-xellugija ta' Ġesù hemm serduk żgħir li wieħed bilkemm jarah. Dan żgur mhux is-serduk. Is-serduk hawnhekk huwa simbolu tax-xemx tielgħa. Qiegħed b'munqaru miftuħ – jidden li Ġesù mqajjem – ix-xemx tielgħa.

## L-anġli

Ħdejn idejn Ġesù naraw anġli li qegħdin iħarsu lejn il-feriti. Taħthom żewġ anġli oħra. San Pietru jgħid: "Dawn huma ħwejjeġ li l-anġli stess jixtiequ jifhmuhom sewwa." (1 Pt. 1, 12)

## Ġesù mtella' s-sema

Fuq l-INRI Ġesù tiela' s-sema b'xettru f'idejh – sinjal ta' awtorità jurina li hu sultan, sultan u r-ragħaj it-tajjeb. Ix-xettru għandu salib tad-deheb fit-tarf. Dan jindika li Ġesù r-rebħa kisibha permezz tas-salib. Saqajh juru li tiela' s-sema, ilbiesu tad-deheb li jfissru r-rebħa u r-regalità tiegħu. Il-palju aħmar skur jindika li rebaħ għax ħabb ħafna. L-anġli qegħdin jilqgħuh, lebsin l-aħmar u d-deheb, bħalu ferħana li l-Iben ta' Alla ngħaqad mal-Missier fil-glorja.

## L-id tal-Missier

L-id li qed tbierek lill-Iben. Konferma li s-sagrifiċċju ngħoġob. Iċ-ċirku aħmar jindika li issa qiegħed fl-eternità.



Fit-Tradizzjoni tal-Lvant il-Missier qatt ma jiġi mpinġi; għalhekk id biss, għax ħadd ma jista' jara wiċċ Alla. Hija l-id il-leminija – tindika s-setgħa ta' Alla.

F'dan is-salib għalhekk naraw kemm tassew ħabbna Alla meta bagħtilna lil Ibnu biex jifdina. Jalla s-salib ikun għalina stqarrija ta' fidi u stedina ta' mħabba.



# ANKI T-TFAL ISIRU QADDISIN



QADDISIN TA' ŻMIENNA
TONY C. CUTAJAR

**Duminku Savio kien tifel ordinarju bħal kull tifel ieħor, iżda kellu mħabba straordinarja lejn Alla, u kienet din l-imħabba li għamlitu tifel qaddis. "Żagħżugħ bħal Duminku, li jagħmel minn kollox biex iżomm l-innoċenza tiegħu mill-magħmudija sal-mewt, ma jistax ma jkunx qaddis," kien qal il-Papa San Piju X.**

Duminku Savio twieled barra Turin fl-Italja fit-2 t'April 1842. Trabba bħala Nisrani tajjeb minn ġenituri twajbin u kien jgħin lil ommu f'dak li jkollha bżonn. Darba waħda, meta kellu erba' snin, ommu fittxitu kullimkien u wara xi żmien inkwetata sabitu f'rokna qed jitlob, b'rasu baxxuta u jdejh flimkien. Kien diġà jaf it-talb kollu bl-amment. Dun Bosco kien jarah imur il-quddies ma' ommu b'mod regolari, u anki ġieli rah għarkupptejh jitlob fit-tajn jew fis-silġ barra l-knisja, meta din kienet tkun għadha ma fetħitx. Ta' ħames snin huwa tgħallem jgħin il-quddies u sar abbati, u sentejn wara għamel l-ewwel tqarbina, allavolja dak iż-żmien dan kien isir ta' tnax-il sena. Iżda l-kappillan aċċetta li jagħmilhielu kmieni għax kien jaf il-katekiżmu u wera devozzjoni kbira lejn is-Sagrament. Huwa għamel ħin twil jipprepara ruħu billi jaqra u jitlob.

Dun Bosco stess ħalla miktub li Duminku dakinhar kiteb fi ktieb żgħir ċerti riżoluzzjonijiet li baqa' jaqrahom ta' sikwit:

**Riżoluzzjonijiet magħmula minni, Duminku Savio, fis-sena 1849, dakinhar li għamilt l-ewwel tqarbina, fl-età ta' seba' snin:**

1. *Immur inqerr spiss u spiss ukoll nitqarben, kif jgħidli l-konfessur;*

2. *Nixtieq inqaddes b'mod speċjali l-Ħdud u l-festi tal-Knisja;*

3. *Ħbiebi jkunu Ġesù u Marija;*

4. *Aħjar il-mewt mid-dnub.*

Ta' għaxar snin Duminku kien jimxi kuljum għall-iskola. Dun Bosco jgħidilna li darba waħda f'ġurnata sħuna waqqfu fit-triq wieħed bidwi u staqsieh jekk kienx għajjien mill-mixi. It-tfajjel wieġbu, "Xejn ma jgħejjik jew iweġġgħek meta tkun qed taħdem għal xi ħadd li jħallsek tajjeb." Dun Bosco jgħid ukoll li Duminku ma riedx imur jgħum ma' sħabu, għax kien jgħid li kien ikun faċli toffendi 'l Alla. L-aħħar li mar magħhom ħass li sħabu kienu psataż u vulgari.

Meta kellu tnax-il sena huwa mar ma' missieru jiltaqa' ma' Dun Bosco, biex jidħol fl-iskola tiegħu f'Turin. Qallu li xtaq isir qassis wara li jispiċċa l-istudji tiegħu. Dan kien il-bidu ta' relazzjoni intima mal-qassis. Wara li eżaminah, it-tfajjel staqsieh, "X'taħseb fuqi?"

"Naħseb li hawn għandna materjal tajjeb," wieġbu Dun Bosco bit-tbissima.

"Tajjeb," qallu Duminku. "Inti ħajjat tajjeb, mela jekk il-materjal huwa tajjeb, ħudni u agħmel minni libsa ġdida għall-Mulej!"

Dun Bosco baqa' jikteb dwar dan it-tfajjel speċjali. Jgħid li fl-okkażjoni tad-domma tal-Kunċizzjoni fl-Oratorju saru festi speċjali, u fuq il parir



tal-konfessur Duminku ġedded il-wegħdiet tal-ewwel tqarbina quddiem l-artal tal-Madonna. Il-qaddis jgħid li minn dak iż-żmien beda jidher ċar li t-tfajjel kien qed jagħmel sforzi kbar biex jgħix ħajja qaddisa. Kien jidher kwiet u inkwetat, u Dun Bosco qallu biex jibqa' daħqan bħas-soltu, ikompli jistudja u jitlob u anki jilgħab ma' sħabu.



Duminku beda jagħmel ċerti penitenzi bħal dawk li kienu jagħmlu l-qaddisin, iqiegħed ġebel u injam żgħir fis-sodda biex jagħmilha skomda, jitgħatta mill-inqas fix-xitwa, isum ħobż u ilma u anki jilbes ċerti ħwejjeġ li jweġġgħuh. Iżda s-superjuri tiegħu ma ħallewhx ikompli, minħabba saħħtu. Qatt ma kien jinstema' jgorr dwar l-ikel jew it-temp, kif kienu spiss jagħmlu sħabu.

Omm Dun Bosco kienet qalet, "Għandna ħafna tfal tajba, iżda ħadd ma kellu qalbu u ruħu tajbin daqs dawk ta' Duminku. Spiss kont narah jitlob u jibqa' fil-knisja meta joħroġ kulħadd. Kuljum jitlaq mill-bitħa waqt il-logħob, biex imur jagħmel vista lis-Sagrament. Fil-knisja jkun qisu anġlu jgħix fil-ġenna."

Fl-iskola kulħadd induna li dan kien tifel differenti mill-mod kif kien jitlob. Kien iħobb lil sħabu, u għalkemm kien iżgħar kien jinkwieta dwarhom. Kien jibża' li jitilfu l-grazzja t'Alla bid-dnub. Darba wieħed minnhom ġab miegħu ktejjeb bi stampi ħżiena u ma damx ma kien imdawwar bl-oħrajn kollha biex jarawhom. Duminku wkoll mar jara, iżda malajr induna. Qabad il-ktejjeb u qattgħu biċċiet. "Imsejkna li aħna!" qalilhom. "Taħsbu li Alla tana għajnejna biex inħarsu lejn stampi bħal dawn? Ma tistħux?"

"Konna qed inħarsu lejhom bħala ċajta," qallu wieħed mit tfal.

"Bħala ċajta! U sadattant qed tippreparaw biex tmorru l-infern!"

"X'hemm ħażin billi tħares lejn stampi bħal dawk?" qallu tifel ieħor.

Duminku kien lest bit-tweġiba. "Jekk taħseb li m'hemm xejn ħażin ifisser li int imdorri tħares lejn dawk l-affarijiet tal-mistħija!" Ħadd iktar ma tkellem.

Darba oħra pprova jwaqqaf tnejn irrabjati li kienu qed jitfgħu l-ġebel lejn xulxin. Għall-ewwel ma tawx kasu; għalhekk daħal f'nofshom b'salib f'idu u qalilhom, "Qabel tkomplu, ħarsu lejn dan il-kurċifiss u għidu, 'Ġesù kien innoċenti u miet jaħfer lill-qattiela tiegħu. Jiena midneb u se nweġġgħu jekk ma naħfirx lill-għedewwa tiegħi.' Wara, itfgħu l-ewwel ġebla lili!" Dawk tant stħaw minnu li skużaw ruħhom u wegħduh li jmorru jqerru. Dun Bosco kiteb li Duminku kien iqatta' ħafna ħin ma' sħabu biex jinkuraġġihom jaqtgħu l-vizzju tad-dagħa u jgħallimhom id-duttrina nhar ta' Ħadd. Jgħid ukoll li kien iħajjarhom jersqu spiss lejn il-qrar u t-tqarbin u jgħinhom fil-ħajja spiritwali.

Darba minnhom Duminku ħassu ma jiflaħx, qabditu sogħla kbira u t-tabib iddeċieda li kien ikun aħjar jekk jintbagħat id-dar. Duminku ma xtaqx jitlaq mill-Oratorju, iżda kitbu lil missieru biex imur għalih. Id-dar naqqas mill-ikel u s-sogħla żdiedet. It-tabib iddeċieda li jofsdu u f'erbat ijiem qatagħlu driegħu għaxar darbiet. Huwa maħsub li kienet din il-proċedura antikwata li wasslet għall-mewt ta' Duminku. Infatti ma damx ma mar għall-agħar u waslu biex jagħmlulu l-vjatku. Kellu ħmistax-il sena u ma kienx jibża' mill-mewt. Anzi kien kalm u ferħan li sejjer il-ġenna.

Il-marda tal-plewrite daħlet 'il ġewwa sew u l-ġuvnott miet ta' erbatax-il sena fid-9 t'April 1857. Qabel ma miet huwa pprova jqum bilqiegħda, wiċċu xegħel b'ferħ kbir u sellem lil missieru. "Qed nara affarijiet tassew sbieħ!" qallu, u għalaq għajnejh. Missieru ħaseb li kien raqad, iżda kien miet.



# GĦALLIMNI TAGĦLIMA KBIRA

PASTORALI TAS-SAĦĦA
PATRI MARIO ATTARD OFMCAP

Kont qiegħed naħdem l-ewwel jum tax-xift tiegħi fl-isptar, tnax-il siegħa xogħol, meta l-infermiera tas-sala ppejġjatli: "Ejja, Patri! Hawn pazjent irid ikellmek."

Mort, u xħin kont se nagħti l-ewwel pass tiegħi fis-sala fejn kien, mill-ewwel ġiet l-infermiera tilqagħni fil-bieb bl-aħbar. "Patri," qaltli b'leħen miksur, "għandu *ca metastasis*. Għadu żgħir. Konxju." Meta smajt hekk, qalbi għamlet tikk. Kos, hux! Kemm hu kiefer il-mard! Lanqas lil żagħżugħ ma jaħfirha! Veru kattiv!

Intant, dħalt. Mort ħdejh. Kien f'sala li kellha madwar ħmistax-il sodda. Rajtu. Id-dehra tiegħu tabilħaqq impressjonatni. Kien jidher li kien qiegħed fi wġigħ kbir. Madankollu ma kienx qed jilmenta. Ħdejh kien hemm martu, mara tal-affari tagħha li ma ngħidilkomx. Kienet qiegħda ħdejh, issabbru bil-preżenza tagħha. Minn ħin għal ieħor kien qed jitlobha biex togħroklu ftit subgħajh. L-għaliex, minħabba dik il-mingħul ta' marda, ma setax, le, iċaqlaq is-swaba' ta' jdejh it-tnejn. "Immassaġġjali l-ispalla, jekk jogħġbok!" talabha. U hi, bi ħlewwa kbira, bdiet timmassaġġjahielu. "Għall-erwieħ! Hekk aħjar!" weġibha, kemm kemm jinstema'.

Imbagħad dar lejja u qalli: "Patri! Kemm qed nieħu gost li ġejt sa ħdejja!" "Isbaħ din!" weġibtu jien. "Ħu siġġu! Nixtieq noqgħod nitħaddet miegħek dwar it-tbatija," qalli. Ħasadni. Ma kontx qed nistenna, lanqas f'elf sena, li se nisma' kumment bħal dan. "Naf lit-tali u t-tali saċerdot," qalli. "U nixtieq, iva, noffri t-tbatija li għaddej minnha għalikom is-saċerdoti." Kliemu ħassejtu nieżel balzmu f'qalbi, f'ruħi. "Jiena kelli l-grazzja li mmur l-Art Imqaddsa u saħansitra nżur il-Muntanja Sinaj. X'paċi kbira hemm hemmhekk!" issokta jgħidli.

Kliemu ħassejtu jikkonfortani. "Patri," qalli, "naf li ħajti m'għandhiex tul. Naf li din il-marda ħa toħodni l-eternità. Jimporta jekk jogħġbok tagħmilli l-griżma u tqarbinni?" "Iva, ħabib! Isbaħ din!" dlonk weġibtu. Għalhekk daħħalt idi fil-but taċ-ċoqqa, in-naħa tal-lemin, ħriġt iż-żejt imqaddes u dliktu bih. "Tista' tidlek lill-mara wkoll, jekk jogħġbok?" Kif stajt ngħidlu le lil dan ir-raġel żagħżugħ ta' fidi kbira? Hekk għamilt. U wara li dlikt lil martu u tlabt fuqhom it-tnejn, wasalt biex inqarbnu. F'dak il-mument ħassejt li kelli ndur lejn martu u nistedinha biex tqarbnu hi. Kemm feraħ meta qarbnitu! Kemm ħassu fil-paċi! Il-partikola kienet tabilħaqq ċkejkna, imma kemm kienet kbira l-imħabba li rċieva minn idejn martu! Kien irċieva lil Ġesù stess, l-imħabba li tkabbar il-qalb!



Wara li tajthom iċ-ċans jitolbu flimkien, ħassejt li kelli ngħidlu xi ħaġa importanti lil dan ir-raġel żgħir fl-età iżda ġgant fil-

fidi. "X'taħseb jekk dawn ir-riflessjonijiet sbieħ li qsamt miegħi tirrekordjahom fuq l-iPad? Kemm jagħmlu ġid lil dawk li jisimgħuhom!" Għal din il-proposta għajnejh xegħlu bl-entużjażmu. "Iva!" ħatafni pront pront fil-kelma. "U jibqgħu ta' għajnuna għal dawk li jkollhom bżonn kelma ta' kuraġġ fil-futur!"



Minħabba l-qalb miftuħa tiegħu u anki l-maturità spiritwali li biha kien qiegħed jitħaddet, ħassejt li kelli ngħinu jissokta joħroġ mit-teżori spiritwali li hemm ġewwa fih. Għalhekk dort lejh u għedtlu: "Għada għandi *talk* x'nagħmel. Li kieku kellek tkellimhom int lil dawn in-nies, x'tgħidilhom?"

Xħln għedtlu hekk ħares 'Il fuq, blex bħal donnu jaqla' dak il-ktieb oħxon li qiegħed 'il ġewwa 'l ġewwa fuq l-ixkaffa tal-librerija tal-ħajja. U wara li niżżlu bir-reqqa kollha, fetħu u sab fejn hemm miktub dan il-kliem: "Inkellimhom fuq il-qawwa tal-imħabba," qalli. "L-għaliex din it-tbatija u l-uġigħ li għaddej minnhom jgħallmuni kemm tabilħaqq huwa importanti li ngħixu l-imħabba. Bħalissa li jiġini f'moħħi huwa Kristu fuq is-salib. Minn xiex għadda Ġesù fil-passjoni tiegħu! U dan kollu l-għaliex bata għax ried għalina. Bata l-għaliex il-Missier hekk xtaq. U għax-xewqa tal-Missier, Ġesù jobdi. It-tbatija tiegħi hija nofs it-tbatija ta' Ġesù. Jiena qed inbati l-għaliex l-affarijiet ġew kif ġew. Imma Ġesù bata għax ried!"



Ħa nifs ċkejken u ssokta jgħid: "Madankollu anki meta Ġesù kien qed ibati, xorta waħda kien qed jiġi megħjun. L-istess bħalma qed niġi megħjun jien. Kien hemm jgħinuh Ommu Marija, Xmun iċ-Ċirinew u saħansitra l-ħalliel li aħna nsejħulu 't-tajjeb'. Kemm ħabbu lil Ġesù! Ħabbu anki bħala bniedem! U waqt li Ġesù beda jirċievi l-ħniena mill-oħrajn, huwa baqa' jħobbna. Sakemm wasal li jagħtina lil Ommu Marija stess b'Ommna fuq is-salib. L-imħabba! L-imħabba pura!"

Emmnuni li ma kellix għalfejn nistaqsih aktar. L-għaliex b'li kien qalli kien diġà, iva, ħallieni b'ħalqi miftuħ beraħ. Kos, hux, kemm it-tbatija taf tkun skola ta' għerf kbir… liema għerf jista' jibqa' jikkura l-ġrieħi ta' ħafna u ħafna nies li jiġu wara, matul iż-żminijiet! L-importanti hu li niftħu qalbna u nagħmlu ħilitna biex dak li l-Mulej jgħallimna f'ħajjitna, ngħadduh lill-oħrajn.

Nibqa' niftakru l-kliem li kien qalli dan iż-żagħżugħ qaddis u għaqli. "Ħabbna bla kundizzjoni! Ħabbna bi mħabba pura." U mhux anki hu beda dieħel aktar fil-fond ta' din l-imħabba mingħajr kundizzjoni, liema mħabba naqqxet f'qalbi din it-tagħlima kbira li kien għallimni?



# IL-MARA FIL-MINISTERI TAD-DJAKONIJA TAL-KNISJA



STORJA TAL-KNISJA
FR CHARLES BUTTIGIEG

Dan l-aħħar il-Papa Franġisku ta l-possibilità li jerġa' jibda l-istudju dwar id-djakonat femminili fil-bidu tal-Knisja. Il-Beatu Pawlu VI kien għamel ukoll dan it-tentattiv fl-1974. Ovvjament nagħmluha ċara li dan l-istudju ma għandu x'jaqsam xejn mal-ideat ta' xi wħud li jridu jippruvaw jimbuttaw is-saċerdozju femminili. Ovvjament dan l-istudju jista' dejjem jiddawwal permezz tal-istorja tal-ministeri femminili fil-Knisja tal-bidu u jiċċara d-diskors dwar in-natura tal-ministeru tad-djakonessi. Dan l-istudju żgur ser iħares lejn il-kobor tal-figura tal-mara fil-Bibbja, kif naraw fid-diversi personaġġi kbar nisa bħal Sara, Rebekka, Debora, Ġuditta, Rut, Ester, Santa Eliżabetta, il-Madonna u Marija ta' Magdala.

## Il-mara fil-ħidma ta' San Pawl

Pereżempju fil-ħajja ta' San Pawl u fil-kitbiet tiegħu jitkellem ta' spiss dwar il-figura tal-mara kif espress bil-kelma tiegħu 'oħti'. Fl-aħħar kapitlu tal-Ittra lir-Rumani huwa jsemmi tnax-il mara, bħal donnu n-numru tnax huwa marbut mat-tnax-il appostlu. Insemmu lil Lidja minn Tijatira (illum Akhisar), li kienet tgħix ġewwa Filippi, li d-dar tagħha sservi bħala '*domus ecclesiae*' (ara Atti 16, 40). Għandna wkoll lil Febe, djakonessa (fil-Grieg oriġinali nsibu l-maskil '*diakonos*') ta' Kenkre, port ta' Korintu, mibgħuta Ruma bl-Ittra lir-Rumani (ara Rum. 16, 1) u lil Priska, il-mara ta' Akwila, li jilqgħu lil San Pawl u jevanġelizzaw bħala kollaboraturi tiegħu (bil-Grieg '*sunergous*'; ara Atti 18, 26). Priska hija msejħa minn Pawlu bħala mara karizmatika tal-Knisja ta' Korintu. F'1 Timotju 3, 8-13 jindika li kien hemm id-djakonessi. Fi 2 Timotju 4, 19-21 Pawlu jsemmi wkoll lil Klawdja. F'Rumani 16, 6 Pawlu jsemmi lil Marija u lil Ġunja, meqjusa bħala appostlu. F'Rumani 16, 12 isemmi lil Trifena, Trifosa u Perside. F'Rumani 16, 13 isemmi lil omm Rufu u lil Patroba, Ġulja u oħt Nereju u Olimpas. Dawn huma meqjusa bħala kollaboraturi ta' San Pawl. Fl-Ittra lill-Filippin Pawlu jsemmi lil Evodja u Sintike. Fl-Ittra lill-Kolossin Pawlu jsemmi lil Ninfa, li kienet armla sinjura li kienet tiġbor 'il-Knisja' fid-dar tagħha ġewwa Kolossi. Fi 2 Tim. 1, 5 għandna lil omm Timotju, Ewniki, u nsibu wkoll lil Apfrija, li aktarx kienet il-mara ta' Filemon. F'kitbiet oħra apokrifi nsibu l-isem ta' Tekla bħala dixxiplu ta' San Pawl. Fl-Atti niltaqgħu wkoll ma' erba' xebbiet, ulied id-djaknu Filippu, li kellhom id-don tal-profezija, kif naqraw fl-Atti 21, 9. Fl-Atti niltaqgħu wkoll ma' Tabita', li kienet ħajjata ġewwa l-belt ta' Ġaffa u kienet tgħin lill-foqra u ġiet imqajma minn San Pietru, fejn għaliha nsibu l-kelma Griega femminili 'mathetria'. Fil-bidu naraw fuq kollox il-ministeru ta' nisa magħżula sabiex imexxu l-Knejjes tad-djar għat-tixrid tal-evanġelju.

## Nisa kbar fil-bidu tal-Knisja

Nisa importanti fl-era Nisranija tal-bidu huma: Antusa, li kienet omm San Ġwann Kriżostmu; Santa Ċeċilja; Sant'Elena, omm l-Imperatur Kostantinu; Santa Makrina, oħt San Bażilju, Girgor Nissenu u Pietru ta' Sebaste; Santa Marċella; Santa Perpetwa u Santa Feliċita, Sant'Anjeże, Santa Marċellina, oħt San Ambroġ; Santa Pawla, benefattriċi ta' San Ġirolmu; Santa Monika, omm Santu Wistin; u d-djakonessa ta' Kostantinopli, Olimpja. Dwar il-qdusija femminili kiteb ħafna San Ambroġ, kif naraw f'*De Virginibus, De Virginitate, De Insitutione Virginis* u *Exhortatio Virginitatis*.



Id-djakonessi huma msemmija fil-kitbiet ta' Klement ta' Lixandra, id-*Didaskalija*, l-*Origine*, Epifanju ta' Salamis, Bażilju ta' Ċesarea, Ġwanni Kriżostmu u Girgor Nissenu. San Girgor Nazjanzenu jitkellem dwar id-djakonessa Santa Olimpja, li kienet armla, u jsejħilha 'l-glorja tar-romol fil-Knisja tal-Lvant'. Il-kap tad-djakonessi kienet tissejjaħ '*presbytidas*'. Rigward dan, jiġifieri l-ministeru femminili fil-Knisja, insibu però gruppi eretiċi bħall-Katafriġjani, imwaqqfin minn Montanus; il-Kolliridjani, li kienu jaduraw lill-Madonna bħala alla; il-Pepuzjani, imwaqqfin minn Quintilla fil-Kappadoċja, li kienu jordnaw lin-nisa saċerdoti u isqfijiet; u l-Prixxilljanisti, imwaqqfin mill-Isqof Priscillius fi Spanja, li kienu kkundannati fis-sinodu ta' Saragossa tas-sena 380 w.K. Is-sinodu tal-Laodiċea tas-sena 364 w.K. kien ikkundanna l-ordinazzjoni presbiterali femminili.

Fis-sena 390 Teodosju kien stabbilixxa li d-djakonessi jilħqu meta jkollhom sittin sena, waqt li l-konċilju ta' Kalċidonja fil-Kanoni 15 iniżżel din l-età għal erbgħin sena. Tajjeb ukoll li ngħidu li għal diversi sekli, kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent, sas-seklu 13 fil-Knisja kienet baqgħet teżisti l-figura tad-djakonessi, jew '*ministerium feminae*', li kienu jippreparaw spiritwalment speċjalment il-katekumeni nisa, '*ad ministerium baptizandarum mulierum*'. Huma kienu jilbsu l-'*maforion*' jew il-'velu tal-perfezzjoni'. Meta mbagħad id-dilka fuq il-ġisem kollu tal-katekumenu ġiet ridotta sostanzjalment, il-funzjoni tagħhom naqset ukoll. Kienu wkoll jidilku biż-żejt tal-griżma fil-konfermazzjoni u biż-żejt tal-morda lill-morda nisa u jagħmlu katekeżi lin-nisa u lill-verġni kkonsagrati. Diversi drabi wkoll, bħal fil-każ tas-saċerdoti, in-nisa tad-djakni rġiel kienu wkoll jissejħu 'djakonessi', bħala rispett u titlu lill-mara tad-djaknu.

Tajjeb li nsemmu hawnhekk il-preżenza tal-*Ordo Viduarum* (mibni fuq it-test bibliku tal-armla li tat kulma kellha f'Luqa 21, 1-4) u tal-*Ordo Virginum* bħala ħajja kkonsagrata fil-Knisja Kattolika. Pereżempju fis-sena 356 Marċellina, oħt San Ambroġ, saret verġni kkonsagrata mill-Papa Liberju. Nisa oħra axxetiċi meqjusin bħala '*religiosa feminae*' jew '*monachas*' f'Ruma kienu Marċella, Pawla u Fabjola, waqt li minn Spanja nsibu lil Melanja l-Kbira u n-neputija Melanja ż-żgħira u Pomenja, u fil Galilija lil Ġenoveffa, Rusticula, Monegund, Radegund, Glodesind u Klotilde tal-Franki.

## Id-djakonessi fil-Knisja Griega u Kopta

Is-sinodu qaddis tal-Knisja Ortodossa tal-Greċja, li sar f'Ateni fit-8 ta' Ottubru 2004, ivvota favur it-twaqqif tad-djakonat femminili. Kemm Evangelos Theodorou u l-monaku Cipriano Vagaggini kitbu dwar l-ordinazzjoni tad-djakni nisa fil-bidu tal-Knisja. Fl-1907 l-kummissjoni tal-Knisja Ortodossa Russa kienet irreġistrat il-preżenza tad-djakonessi ġewwa l-Georgia. Anke s-Simpożju Interortodoss ta' Rodi fl-1988 saħaq li '*l'ordine apostolico delle diaconesse dev'essere fatto rivivere*'. Anke d-dokument dwar id-djakonat ippubblikat mill-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali tal-Vatikan fl-2002 kien ammetta li l-Kanoni 15 tal-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451 jitkellem fuq l-ordinazzjoni (bil-Grieg '*cheirotonia*') tad-djakonessi għal dawk in-nisa minn erbgħin sena 'l fuq, kif ukoll dak tas-sinodu ta' Trullo fil-Kanoni 14. Insibu l-ordinazzjoni tad-djakonessi fil-Knisja Appostolika Armena. Il-Konċilju ta' Niċea fis-sena 325 w.K., fid-dawl tal-ereżija ta' Pawlu ta' Samosata, jgħid li d-djakonessi ma għandhomx ordinazzjoni u huma meqjusin mal-lajċi. Anke l-Knisja Kopta tħares b'mod pożittiv lejn id-djakonessi fil-monasteri tagħha. Il-kanoni tas-sinodu tal-Libanu fl-1736 fil-preżenza tal-Viżitatur Appostoliku s-saċerdot Maronita Joseph Assemani, li kellu wkoll l-approvazzjoni '*in forma specifica*' tal-Papa Klement XII, kien jinkludi wkoll id-djakonessi. Dan kien reġa' ġie approvat mill-Papa Benedittu XIV fl-1741. Fl-1981 il-Patrijarka Shenuda III kien ordna 180 djakonessa. Dan kien ikkonfermat fis-sinodu qaddis tal-Knisja Kopta fl-1990-1991.

Illum ħafna nisa kkonsagrati qegħdin jagħmlu xogħol kbir fil-qasam tal-katekeżi u d-djakonija mal-foqra u mal-batuti. Filwaqt li fuq din l-inizjattiva ta' studju mill-ġdid tad-djakonessi fil-bidu tal-Knisja nħallu dejjem l-Ispirtu s-Santu jkompli jdawwal lill-Knisja tiegħu, nagħlaq bil-kliem tal Papa San Ġwanni Pawlu II fl ittra appostolika dwar id-dinjità u l-vokazzjoni tal-mara: il-*Mulieris Dignitatem*, fin-numru 31: "Il-Knisja trodd ħajr għan-nisa kollha u għal kull mara. Il-Knisja trodd ħajr għall-manifestazzjonijiet kollha tal-ġenju tal-mara li dehru matul iż-żminijiet fil-popli u n-nazzjonijiet kollha."

# TGĦIX B'KUXJENZA SAFJA MINGĦAJR SENS FALZ TA' ĦTIJA



KATEKEŻI
MANWEL MICALLEF

P. Elija jsemmi 4 oqsma li jaffettwaw il-ħajja tagħna ma' xulxin: il-korla, is-sens ta' ħtija, il-biża' u l-ansjetà. Illum ħa nitkellmu ftit dwar waħda minnhom: is-sens ta' ħtija.



Meta nagħmel xi ħaġa ħażina, min jikkundannani? Rum. 8, 33-34

Il-kuxjenza tniggiżni. Ma tħallinix kwiet. Mela l-kuxjenza hi leħen fija li jakkużani u jikkundannani; tagħtini sens ta' ħtija.

Il-kuxjenza dejjem għandha raġun?

## Niċċaraw ftit ideat: il-ħażen (id-dnub), il-ħtija u l-ħajja tajba

Parabbola: Raġel imur għand tabib b'idu feruta u ħafna demm ħiereġ. It-tabib tah injection tal-morfina u bagħtu d-dar. Il-ferita ddennietlu u infettatlu ġismu kollu, tilef ħafna demm u ftit wara miet – mingħajr uġigħ.

Tagħlima: Ħafna minna nippruvaw insolvu l-problema tal-kuxjenza li tniggiżna billi mmewtu t tingiż mingħajr ma nittrattaw il kawża ta' dak it-tingiż. Bħall-parabbola, jekk il-kawża tal-problema ma niffaċċjawhiex, din se tħassrilna ħajjitna moralment imma ma nħossux iktar tingiż.

Irridu nagħrfu li l-kuxjenza hi sinjal. Irridu nagħtu kasu. Il-Papa jitkellem mir-relattiviżmu morali ta' żmienna, jiġifieri li niddeċiedu aħna x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, u f'liema ċirkustanza. Mentri l-Mulej jurina li teżisti liġi morali li hi għal kulħadd, u din turi x'inhu t-tajjeb u l-ħażin. Il-kuxjenza tagħna rridu nħalluha tkun iffurmata minn din il-liġi morali. Il-ħażen hu meta xi ħadd imur kontra din il-liġi morali (il-kmandamenti). Il ħajja tajba hi meta xi ħadd jgħix skont din il-liġi morali. Is-sens ta' ħtija għandu jkun ġust: jekk għamilt xi ħaġa ħażina, il-kuxjenza għandha tniggiżni biex nieħu azzjoni biex nirranġa dak il-ħażin.

Il-ħtija mhijiex sempliċi sentiment ibbażat fuq jekk inħossx li għamilt xi ħaġa ħażina jew le. Il-ħtija hi konsegwenza ta' għemil ħażin ikkawżat meta jien nagħmel xi ħaġa kontra l-liġi morali. Nista' nħoss dispjaċir jew le. Imma dak li nħoss mhuwiex bilfors sinjal tal-ħtija. Għalhekk irridu nagħrfu meta s-sens tal-ħtija huwa sinjal li għamilt xi ħaġa ħażina u meta s-sens tal-ħtija jkun falz.

Meta l-ħtija tkun konsegwenza ta' għemil ħażin, irridu nieħdu azzjoni biex nirranġaw dak il-ħażen.
L-indiema u r-rikonċiljazzjoni – spjega fil-qasir:

- nagħraf x'għamilt ħażin u nieħu responsabbiltà tiegħu;
- niċħad il-ħażen li għamilt – ladarba għaraft li dak l-għemil hu ħażin, irrid niddeċiedi li ma nerġax;
- nitlob maħfra lil Alla u lil min inqast;
- irrodd lura dak li ħadt: eż. serq, malafama

In-Nisrani għandu jħobb u jfittex li jgħix ħajja tajba, ħajja ta' intimità ma' Alla u ubbidjenza lejn il-Kelma tiegħu

Is-sogħba għad-dnubiet twassal għall-Indiema.

Sens falz ta' ħtija ma jwassal imkien sabiħ.

**Il-Qorti tas-Sema:**
- Alla l-Missier – l-Imħallef
- Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu – id-Difensuri
- ix-Xitan – l-Akkużatur
- il-bniedem – l-Akkużat

Min jgħix u jistqarr lil Ġesù bħala s-Salvatur ta' ħajtu, Ġesù jiddefendih quddiem il-Missier; min jiċħad lil Ġesù f'ħajtu, Ġesù jiċħdu quddiem Alla l-Missier (Mt. 10, 32-33).

**Sens falz ta' ħtija**
Nafu li f'ċerti ċirkustanzi, il-kuxjenza tniggiżna avolja ma nkunux morna kontra l-liġi morali. Eżempji:
- tentazzjonijiet fil-ħsieb u f'dak li nħossu
- difetti żgħar (JoHari window) li jarawhom l-oħrajn: kurżità żejda, tpaċpiċ żejjed, traskuraġni fi lbiesna u fid-drawwiet tagħna, storbjużi jew riservati żżejjed
- żbalji
- fallimenti f'dak li nagħmlu
- dgħufijiet: biża' żejda, sens ta' insigurtà, nuqqas ta' stima personali, nuqqas ta' kontroll

Dawn jistgħu jqanqlu fina sens ta' ħtija. Dan mhuwiex bilfors għemil ħażin. Mela mhux bilfors inkun veru ħati. Għalhekk importanti nkun naf x'tgħid il-liġi morali.

Il-perfezzjoni biblika (Mt. 5, 48; Ġk. 1, 3-4):
- mhijiex stat mingħajr difetti
- tfisser maturità; tfisser tkun sħiħ; tfisser tagħmel kollox b'qalbek kollha; tfittex li togħġob lil Alla f'kollox (Ġw. 8, 29)

- Neħħi l-imrar kontra l-oħrajn (ġenituri, employers, nies mill-imgħoddi, żewġek/martek, uliedek, ġirien, ħbiebek, il-Knisja...)

4 armi kontra s-sens falz ta' ħtija:
- il-fidi f'Alla l-ħanin u fil-Kelma tiegħu
- l-indiema
- l-awtorità ta' wlied Alla
- il-maħfra tal-oħrajn u tiegħek innifsek

2 oqsma li joħolqu sens ta' ħtija
- ir-relazzjonijiet fil-familja (ġenituri – ulied; koppja miżżewġa – dak li nistennew u ma nistennewx minn xulxin)
- l-esiġenzi tal-ħin (familja, xogħol, volontarjat, mistrieħ, qraba, ħbieb...)

Tista' togħġob lil kulħadd f'xi ħin, u tista' togħġob lil xi wħud il-ħin kollu, imma ma tistax togħġob lil kulħadd il-ħin kollu.

L-aqwa mod biex tgħix b'kuxjenza safja: **KUN AF IL-KARATTRU TA' ALLA.**

Il-Bibbja turi b'mod gradwali kif Alla beda jikxef quddiemna l-bnedmin il-karattru tiegħu. Il-quċċata ta' din ir-rivelazzjoni saret meta Alla nnifsu sar bniedem u għammar fostna bl-isem ta' Ġesù.

Neħtieġu nsiru nafu aħjar il-karattru t'Alla kif intwera f'Ġesù. X'tip ta' mħabba wriena fi Kristu. X'tip ta' ħajja jridna ngħixu skont it-tagħlim ta' Ġesù. B'liema qawwa jridna ngħixu din il-liġi li tagħmilna wlied ħielsa. Neħtieġu nużaw il-qawwa li Alla nnifsu tana biex ngħixu ħajja tajba – l-ispirtu ta' Ġesù.

*Aqra: Ef. 2, 4-8; Kol. 2, 13-15*

Biex tgħix b'kuxjenza safja, applika t-tagħlim bażiku:

- Ħobb il-liġi ta' Alla u għix biha
- Irranġa l-ħażen li tagħmel
- Evita l-perfezzjoniżmu
- Aħrab is-sens falz ta' ħtija – dan hu gidba tax-xitan biex ma tgħixx ferħan



# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-GĦATX GĦAT-TAJJEB





ESPERJENZA F.ACT
STEVE BORG

Aħna ż-żgħażagħ malajr niġu ttimbrati mill-bqija tas-soċjetà, minħabba l-fatt li fejn ikun hemm iż-żgħażagħ ikun hemm l-istorbju u l-ġenn. Iż-żgħożija hija perjodu ta' ħafna mistoqsijiet u xi kultant tista' ma tkunx daqshekk faċli, għax dawn il-mistoqsijiet jeħtieġ li tingħatalhom tweġiba, u dawn it-tweġibiet jistgħu jbiddlulna ħajjitna. Għalhekk, kif jgħid il-qawl Ingliż, il-ħajja hija *'survival of the fittest'*; kulħadd irid jistinka u jaħdem biex fil-ħajja jirnexxi.

Aħna ż-żgħażagħ dejjem infittxu dak li lilna jagħtina pjaċir, dak li lilna jagħtina sodisfazzjon, dak li lilna jagħmilna verament kuntenti. Sfortunatament naraw żgħażagħ li jmissu ma' vizzji bħad-droga, l-alkoħol u s-sess fost l-oħrajn. Dawn huma popolari fost iż-żgħażagħ, u wieħed faċli ma jkunx sod quddiem ċerti tentazzjonijiet. Il-pjaċir li jagħtuk dawn l-affarijiet tad-dinja jispiċċa malajr u jista' jkollu konsegwenzi mhux daqstant pjaċevoli. Li tidħak huwa b'xejn, imma li titbissem huwa għali. Dan ifisser li huwa faċli li tidħak però li tkun kuntent huwa wisq iktar diffiċli. Allura minn fejn nistgħu nakkwistaw il-vera kuntentizza?

Mir-relazzjonijiet ta' bejnietna? Mis-sess? Mid-drogi? Mis-safar?
Mid-delizzju tagħna? Jew mingħand ALLA?

Li vera tkun kuntent hu meta tħobb lil Alla. Dan anki bil-provi f'testimonjanzi ta' ħaddieħor, ta' ħutna Nsara, ta' sħabna u familjari tagħna. Mela x'inhu jżomm liż-żgħażagħ milli jkollhom il-kuntentizza f'Alla?

Niltaqa ma' ħafna żgħażagħ li ma tantx jemmnu f'Alla għax għandhom id-dubji, jew inkella jkunu warrbu lil Alla, però xorta waħda jkunu żgħażagħ bil-għaqal, eżemplari u jħobbu lill-oħrajn. Din hija kollha żerriegħa żgħira li Alla poġġa fina biex maż-żmien tinbet u tibda tagħmel il-frott, u dan il-frott huwa l-għatx għat-tajjeb. Żgħażagħ li la huma midħla tal-Knisja u li ma jemmnux b'Alla, però xorta waħda jridu jagħmlu xi ħaġa biex jgħinu lil ħaddieħor, u xorta għandhom għatx għat-tajjeb daqs l-ikbar Kattoliku.



Jekk induru dawra sew madwarna naraw li hawn diversi gruppi Maltin stess fejn iż-żgħażagħ jagħtu ħinhom u saħħithom biex jingħataw għall-oħrajn. Nafu li l-mixja wara Ġesù mhijiex waħda faċli, però żgur li hija waħda siewja.

Is-soċjetà iktar tara l-ħażin taż-żgħażagħ, però żgur li l-ammont ta' żgħażagħ li jaħdmu kuljum fil-volontarjat bi skop li jgħinu 'l ħaddieħor huwa ferm sabiħ. Anki fil-grupp tagħna tal-F. Act, meta jkollna xi avveniment biex jinġabru fondi għall-batut, iż-żgħażagħ jiġu bi ħġarhom u jagħtu s-sehem tagħhom.

Naf ammont ta' żgħażagħ li ffurmaw huma stess gruppi u jmorru bi ħġarhom għall-volontarjat barra minn Malta. Żgħażagħ li jmorru għall-volontarjat mar-Red Cross, il-Caritas, Puttinu, il-Community Chest Fund, il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, l-isptar, fi djar tal-anzjani u ħafna proġetti lokali kull sena, bl-iskop li noffru għajnuna għal ħaddieħor.

Faċilment nistgħu noħolqu konklużjoni li fejn hemm iż-żgħażagħ mhux biss hemm l-istorbju u l-ġenn imma hemm l-għajnuna, hemm it-tbissima u hemm Alla nnifsu, li jużа liż-żgħażagħ bl-għatx għat-tajjeb.



# ROKNA GĦAT-TFAL

NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU
NUŻAW IL-BIBBJA



KOMPETIZZJONI
FR WISTIN ATTARD OFMCAP

## AQTA' MIN NRU 32

1. Il-messaġġier tal-Mulej. (Mal. 2, 7)
2. Dan mexa bil-qerq. (Mal. 2, 11)
3. Min hu l-messaġġier li se jibgħat Alla? (Mal. 3, 1 – ara n-nota)
4. Min hu El-Xaddaj? (Ġen. 17, 1)
5. Din saret plier tal-melħ. (Ġen. 19, 26)
6. Lil martu kien jgħid li hi oħtu. (Ġen. 20, 2)
7. Ma jafx min hu l-Mulej. (Eż. 5, 2)
8. Kienu jgħassu n-nies fuq xogħolhom. (Eż. 5, 13)
9. Kienu jsawtu lill-ħaddiema. (Eż. 5, 14)
10. Waqqaf lix-xemx u l-qamar. (Ġoż. 10, 12-13)
11. Inħbew ġo għar biex jaħarbu. (Ġoż. 10, 16-17)
12. Issa xjaħ u daħal fiż-żmien. (Ġoż. 13, 1)

## TISLIBA NRU 164



1. Ikun ħafna hekk għalikom. (Fil. 1, 24) (5)
2. Biex ipattilu għal din. (Est bil-Grieg A 16) (6)
3. Bin Simgħat. (2 Kron. 24, 26) (5)
4. Ħlomt din. (Dan 2, 3) (5)
5. Tar-raba' ntilef. (Ġoel 1, 11) (4)
6. Għall-glorja u din. (2 Pt. 1, 3) (5)
7. Il-kulur tal-ħajta. (Għan. 4, 3) (5)
8. Tahom dawn fl-art tal-Eġittu. (Ġen. 47, 11) (5)
9. Għaliex ħarab? (Ġer. 46, 15) (3)
10. Isem l-ispirtu ħażin. (Tob. 3, 17) (7)
11. u 12. Jien ngħabbihom fuq dawn. (1 Slat. 5, 23) (6)
13. Il-ħażin jeħodhom bil-moħbi. (Prov. 17, 23) (6)
14. Hekk hu l-Mulej. (2 Tess. 3, 3) (5)
15. Jeħtieġ li Bin il-Bniedem isofri ħafna. (Lq. 9, 22) (5)
16. Dan il-bniedem ikun ... l-mewt. (Dt. 17, 12) (5)
17. Mil-laħam tal-annimali hekk. (Atti 15, 29) (5)
18. Il-kmandament huwa li timxu f'din. (2 Ġw. 6)
19. Din tagħna ġejja minn Alla. (2 Kor. 3, 5) (4)
20. Prinċep ta' Mesek u Tubal. (Eżek. 38, 2) (3)
21. ... ix-xabla u infidni. (1 Sam. 31, 4) (5)
22. Għax ...: "Jekk immiss." (Mk 5, 28) (5)

Agendabookshop

Soluzzjoni għal Tisliba #163
1. Aħkem; 2. Abidan; 3. Baħan; 4. Ħamsa; 5. Kejl; 6. Kalma; 7. Ħobża; 8. Areta; 9. Esd; 10. Absalom; 11. u 12. Inħawi; 13. Warrbu; 14. Fidda; 15. Allat; 16. Dubju; 17. Assir; 18. Intelqu; 19. Tani; 20. Ras; 21. Dinja; 22. Jibki.

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Marzu 2018

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni Nru 40 ANNIMALI FIL-BIBBJA (3) hija: Elly Cutajar - "Il-Wilġa" - Triq San Bert - ix-Xewkija - Għawdex. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 163 huwa: Charles Sacco - "Dar Il-Hena" - Triq Mario Agius - Ħal Lija. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema u parti mill-Marsa.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052